# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 141

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

Volum 63

5 ta' Mejju 2020

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/611 tat-30 ta' April 2020 li jimponi mill-ġdid id-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u kemm jekk le** ............................ 1

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2020/612 tal-4 ta' Mejju 2020 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan** ([1]) ............................ 9

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/613 tas-7 ta' Frar 2020 dwar il-miżura SA.17653 — C36/2007 (ex NN 25/2007) implimentata mill-Ġermanja għal Deutsche Post AG** *(notifikata bid-dokument C(2020) 593)* ([1]) ............................ 12

★ **Deċiżjoni (UE) 2020/614 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2020/25)** ............................ 28

**Rettifika**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/171 tas-6 ta' Frar 2020 li jemenda l-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)** (ĠU L 35, 7.2.2020) ............................ 37

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/611

**tat-30 ta' April 2020**

**li jimponi mill-ġdid id-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u kemm jekk le**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ir-"Regolament bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 14(1) tiegħu,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 91/2009 ([2]), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("PRC" jew "iċ-Ċina"). Minn hawn 'il quddiem dawk il-miżuri se jissejħu "l-miżuri oriġinali" u minn hawn 'il quddiem l-investigazzjoni li twassal għal dawn il-miżuri se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Wara l-impożizzjoni tad-dazju anti-dumping definittiv, il-Kummissjoni rċeviet evidenza li dawn il-miżuri kienu qed jiġu evitati permezz ta' trasbord fil-Malasja.

(3) Għal dik ir-raġuni, fit-28 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (UE) Nru 966/2010 ([3]), bdiet investigazzjoni dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 91/2009 ("l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni").

(4) Fis-26 ta' Lulju 2011, il-Kunsill estenda d-dazju anti-dumping impost bir-Regolament (KE) Nru 91/2009 fuq ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 723/2011 ([4]) ("ir-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni").

---

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009 tas-26 ta' Jannar 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 29, 31.1.2009, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 966/2010 tas-27 ta' Ottubru 2010 li jniedi investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri tal-anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina permezz ta' importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li jitilqu mill-Malasja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u sew jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 282, 28.10.2010, p. 29).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 723/2011 tat-18 ta' Lulju 2011 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 91/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 6).

(5) Fis-27 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni ħassret id-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 91/2009, kif estiż bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 723/2011, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/278 ([5]).

(6) Permezz tas-sentenza fil-Kawża C-644/17 *Eurobolt* tat-3 ta' Lulju 2019 ([6]), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 723/2011 huwa invalidu billi ġie adottat bi ksur tal-proċedura ta' konsultazzjoni li tinsab fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([7]).

## 2. L-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FIL-KAWŻA C-644/17 *EUROBOLT*

(7) Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li r-rekwiżit li l-Kumitat Konsultattiv jingħata l-informazzjoni rilevanti kollha mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa ta' dak il-kumitat, kif inhu stipulat fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali li jirregola l-iżvolġiment xieraq tal-proċedimenti, li l-ksur tiegħu jwassal biex l-att ikun invalidu ([8]). Skont il-Qorti, dik id-dispożizzjoni nkisret għaliex il-kummenti ta' Eurobolt, importatur min-Netherlands ta' qfieli mill-Malasja, ma ġewx ikkomunikati lill-Istati Membri sa mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv.

(8) Skont l-Artikolu 266 tat-TFUE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jridu jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, fis-27 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' tiftaħ l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni sabiex tikkoreġi l-illegalità li ġiet identifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja ([9]).

(9) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni kien limitat għall-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-644/17 *Eurobolt*, jiġifieri li jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti proċedurali kollha li jinsabu fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ([10]). Sadanittant, dik il-proċedura ġiet issostitwita l-proċedura ta' eżami minn kumitat li tinsab fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

(10) F'dan ir-rigward, wieħed irid josserva li l-atti tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu adottati skont ir-regoli proċedurali fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tagħhom. L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 fis-sura li kien meta tħassret l-investigazzjoni sottostanti. Għaldaqstant, proċediment bħall-ftuħ mill-ġdid attwali ta' investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni mibdija skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 jista', wara t-tħassir tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 fil-forma kif applikabbli fiż-żmien tal-adozzjoni tar-Regolament ta Implimentazzjoni (UE) Nru 723/2011, jitlesta biss abbażi tal-proċedura tal-kumitat li tinsab fis-seħħ bħalissa fir-rigward tal-impożizzjoni ta' miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni ([12]). Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, kif emendat u kodifikat fir-Regolament (UE) 2016/1036, il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-finijiet ta' dan il-ftuħ mill-ġdid hija dik li tinsab fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/278 tas-26 ta' Frar 2016 li jħassar id-dazju anti-dumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU L 52, 27.2.2016, p. 24).

([6]) Il-Kawża C-644/17 *Eurobolt*, ECLI:EU:C:2019:555.

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat- 30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51). Imħassar u ssostitwit mir-Regolament (UE) 2016/1036.

([8]) Il-Kawża C-644/17 *Eurobolt*, ECLI:EU:C:2019:555, il-paragrafu 51.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1374 tas-26 ta' Awwissu 2019 dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni wara s-sentenza tat-3 ta' Lulju 2019, fil-kawża C-644/17 Eurobolt, fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 723/2011 tat- 18 ta' Lulju 2011 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 91/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le, ĠU L 223, 27.8.2019, p. 1.

([10]) Is-sejbiet li ma ġewx ikkontestati mis-sentenza inkwistjoni għadhom totalment validi (ara, mutatis mutandis, il-Kawża T-650/17 *Jinan Meide Casting Co. Ltd*, ECLI:EU:T:2019:644, paragrafi 333 – 342).

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). F'dan ir-rigward, *ara* r-Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (ĠU L 18, 21.1.2014, p. 1).

([12]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 2018, il-Kawża C-256/16 *Deichmann*, ECLI:EU:C:2018:187, il-paragrafi 44-55.

## 3. IL-VALUTAZZJONI TAL-AFFERMAZZJONIJIET

### 3.1. Affermazzjonijiet li saru fl-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni

(11) Fis-sottomissjoni tagħha tat-13 ta' Ġunju 2011, Eurobolt tefgħet dubju fuq żewġ aspetti tal-legalità tal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009. L-ewwel nett, hija saħqet li l-miżuri estiżi jenħtieġ li ma japplikawx għall-prodott ikkonċernat jekk dan kien ta' oriġini ġenwina Malasjana. It-tieni, Eurobolt tefgħet dubju fuq is-setgħa tal-Kummissjoni li, f'investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni *ex officio*, tallega li jkun sar dannu abbażi tad-data tal-investigazzjoni oriġinali mingħajr ma tagħti evidenza tal-ħsara.

(12) Il-Kummissjoni kkummentat li l-ebda waħda mill-affermazzjonijiet ma hija relatata mal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni. Għaldaqstant il-kummenti ta' Eurobolt kienu jirrigwardaw kwistjonijiet li kienu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-affermazzjonijiet jistgħu jiġu miċħuda fuq dawn il-merti.

(13) B'rabta mal-ewwel affermazzjoni ta' Eurobolt, u kif inhu msemmi fil-premessa 46 tar-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jippermetti l-estensjoni ta' miżuri għal fuq l-importazzjonijiet tal-prodott simili minn "pajjiżi terzi". L-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku jippermetti eċċezzjonijiet fir-rigward ta' produtturi ġenwini minn dak il-pajjiż terz. Billi l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni żvelat prattiki ta' ċirkomvenzjoni konformi mas-sejbiet tal-investigazzjonijiet li saru mill-OLAF u mill-awtoritajiet tal-Malasja, l-Artikolu 1 tar-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni estenda l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Malasja. Madankollu, kull kumpanija li kienet uriet li kienet produttur ġenwin mill-Malasja kienet ingħatat eżenzjoni mill-miżuri estiżi. Barra minn hekk, kien possibbli li jingħataw aktar eżenzjonijiet fil-futur skont l-Artikolu 2 tar-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni. B'konformità ma' dan, billi l-eżistenza tat-trasbord ta' prodotti ta' oriġini Ċiniża mill-Malasja ġiet ikkonfermata (ara l-premessi 34 u 45 tar-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni) u l-esportazzjonijiet minn produtturi ġenwini mill-Malasja kienu ġew eżentati mill-estensjoni tal-miżuri, l-ewwel affermazzjoni ta' Eurobolt ġiet irrifjutata.

(14) B'rabta mat-tieni affermazzjoni ta' Eurobolt, jenħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jirrekjedi, fost l-oħrajn, "xhieda ta' ħsara *jew* li l-effetti tad-dazju biex iġibu rimedju qiegħdin jiddgħajfu fir-rigward tal-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet ta' prodott simili..." (enfasi miżjuda) Dawn iż-żewġ rekwiżiti mhumiex kumulattivi. Il-premessi 37 u 38 tar-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni juru li l-effetti rimedjali tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament oriġinali ġew imminati miċ-ċirkomvenzjoni, kemm f'dawk li huma prezzijiet kif ukoll f'dawk li huma kwantitajiet. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti legali tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku ġew issodisfati. B'konformità ma' dan, ma kien hemm l-ebda ħtieġa jew obbligu legali li ssir rivalutazzjoni jew li d-*data* dwar il-ħsara mill-investigazzjoni oriġinali fir-rigward tal-importazzjonijiet miċ-Ċina terġa' tintuża. Konsegwentement, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda wkoll.

(15) Minn dan ta' hawn fuq il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sottomissjoni ta' Eurobolt tat-13 ta' Ġunju 2011 kienet tqieset kif xieraq u li l-affermazzjonijiet ġew indirizzati fir-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni, partikolarment fit-taqsimiet 2.8 u 4 tiegħu. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward huwa importanti li wieħed jinnota li Eurobolt la tefgħet dubju fuq l-evidenza ta' trasbord mill-Malasja ta' prodotti li joriġinaw miċ-Ċina u lanqas fuq is-sejbiet li l-kumpaniji minn fejn Eurobolt kisbet il-prodott kienu taw informazzjoni qarrieqa lill-Kummissjoni u ma setgħux jagħtu prova li kienu produtturi ġenwini mill-Malasja.

### 3.2. Valutazzjoni tal-affermazzjonijiet li saru wara l-ftuħ mill-ġdid

(16) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1374 li jiftaħ mill-ġdid l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni stieden lill-partijiet interessati jagħmlu kummenti fir-rigward tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Żewġ partijiet ressqu l-kummenti tagħhom.

(17) Eurobolt stqarret li l-ksur tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 li l-Qorti tal-Ġustizzja sabet li kien sar ma jistax jitranġa *ex post* għaliex huwa ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali u għaldaqstant jivvizzja t-twettiq sħiħ tal-investigazzjoni oriġinali ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

(18) Din l-affermazzjoni hija infondata għar-raġunijiet li ġejjin. Ksur tal-Artikolu 15(2) ma jivvizzjax il-proċediment sħiħ, għaliex l-illegalità li ġiet identifikata mill-Qorti ma tikkonċernax is-sejbiet sostantivi dwar iċ-ċirkomvenzjoni. Għaldaqstant dan il-ksur jista' jitranġa billi l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tinfetaħ mill-ġdid fil-punt fejn seħħet l-illegalità. Dan fisser li l-kummenti oriġinali ta' Eurobolt ntbagħtu lill-kumitat flimkien mal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, b'konformità mal-proċedura li tinsab fis-seħħ bħalissa għall-impożizzjoni ta' miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din hija l-proċedura li ssemmiet fil-premessa (10) aktar 'il fuq. L-iskadenza legali applikabbli biex l-informazzjoni tasal għand il-kumitat tirrekjedi li s-sottomissjoni ma ssirx aktar minn 14-il jum qabel il-laqgħa tal-kumitat. Dan jippermetti lill-kumitat, li huwa magħmul minn rappreżentati tal-Istati Membri, li jiffamiljarizza ruħu mal-informazzjoni rilevanti kollha sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaslu għal pożizzjoni dwar l-abbozz ta' att ta'

implimentazzjoni. Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet dan l-aħħar, l-issoktar tal-proċedura amministrattiva u l-impożizzjoni mill-ġdid tad-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet li saru matul il-perjodu tal-applikazzjoni tar-regolament li ġie annullat jista' jitqies ukoll li jmur kontra r-regola tan-nonretroattività ([13]).

(19) Meta sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tinvalida regolament anti-dumping, l-istituzzjoni li timplimenta s-sentenza (f'dan il-każ il-Kummissjoni) jkollha l-possibbiltà li tissokta l-proċedura li toriġina f'dak ir-Regolament ([14]). Barra minn hekk, ħlief f'każ li l-irregolarità misjuba tkun ivvizzjat il-proċedura kollha, sabiex l-istituzzjoni kkonċernata tadotta att intiż li jissostitwixxi l-att li jkun ġie ddikjarat invalidu hija għandha l-possibbiltà li tkompli l-proċedura fl-istadju meta tkun twettqet l-irregolarità ([15]).

(20) Eurobolt affermat ukoll li ma jkunx xieraq li l-Kummissjoni terġa' timponi l-miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni billi minn dakinhar it-tnejn li huma skadew u tħassru.

(21) F'dan ir-rigward, wieħed irid jenfasizza li, permezz tar-rimedju għal irregolarità proċedurali u l-konferma tas-sejbiet tal-investigazzjoni li ma kinux ġew ikkontestati mis-sentenza inkwistjoni, il-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligu tagħha li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li seħħew matul il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri, jiġifieri bejn is-27 ta' Lulju 2011 u s-27 ta' Frar 2016. Għalhekk il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

(22) Parti oħra, il-European Fastener Distributor Association (EFDA), affermat *"in-nuqqas persistenti li l-kummenti validi u meqjusa sew tad-distributuri Ewropej tal-qfieli u tal-korpi rappreżentattivi rispettivi jittieħdu bis-serjetà."* Affermaw ukoll li, fil-każ li importatur ikun jista' juri li jkun wettaq id-diliġenza dovuta xierqa u li jkun ħa l-miżuri raġonevoli u xierqa kollha biex jiżgura li l-prodott importat ikun ġie mmanifatturat legalment fil-Malasja, huwa ma għandux ikun responsabbli mill-ħlas tad-dazju anti-dumping u li tali dazji li jkunu ġew imħallsa għandhom jiġu rimborsati.

(23) Il-Kummissjoni rrifjutat l-ewwel affermazzjoni tal-EFDA għaliex l-Assoċjazzjoni ma indikat l-ebda ksur tal-proċess ġust fl-investigazzjoni li terġa' tiftaħ il-proċedura u ma tat l-ebda prova f'dan ir-rigward.

(24) Fir-rigward tat-tieni affermazzjoni tal-EFDA, l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku jistipula li, fil-każ li l-prattika, il-proċess jew il-ħidma taċ-ċirkomvenzjoni jseħħu barra mill-Unjoni, il-produtturi tal-prodott ikkonċernat li jinstab li ma jkunux involvew ruħhom fil-prattiki ta' ċirkomvenzjoni jkunu jistgħu jingħataw eżenzjonijiet Minħabba f'dan, meta ċ-ċirkomvenzjoni tkun seħħet barra mill-UE (bħal f'dan il-każ) ma jkun hemm ebda raġuni li jingħataw eżenzjonijiet abbażi tad-diliġenza dovuta tal-importatur. Bil-kontra, hija r-responsabbiltà tal-esportatur li jagħti prova li huwa produttur Malasjan ġenwin u jitlob għal eżenzjoni. Kif issemma fit-Taqsima 4 tar-Regolament kontra ċ-ċirkomvenzjoni, għadd ta' esportaturi Malasjani applikaw u tqiesu biex jingħataw eżenzjoni, u għadd totali ta' disa' kumpaniji ngħataw tali eżenzjonijiet mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat it-tieni affermazzjoni tal-EFDA.

(25) Wara li qieset il-kummenti li tressqu u l-analiżi tagħhom, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri oriġinali jenħtieġ li jiġu imposti mill-ġdid fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikkonsenjat mill-Malasja, kemm jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u kemm jekk le.

## 4. **DIVULGAZZJONI**

(26) Il-partijiet kollha li ppreżentaw ruħhom meta reġgħet infetħet l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni ġew infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet dwar il-bażi tal-intenzjoni tal-impożizzjoni mill-ġdid tad-dazju anti-dumping. Ġew konċessi perjodu taż-żmien li fih kellhom jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet sussegwenti għad-divulgazzjoni. Eurobolt u l-EFDA ressqu l-kummenti tagħhom.

(27) L-ewwel nett, Eurobolt saħqet li l-ksur tar-rekwiżiti proċedurali essenzjali jdgħajjef il-proċedura kollha, u għaldaqstant ma jistax jissolva *ex post*. It-tieni, Eurobolt saħqet li l-impożizzjoni mill-ġdid ta' miżuri li l-bażi legali tagħhom ikun att li d-WTO sabitu illegali jkun jikser l-istat tad-dritt u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. It-tielet, Eurobolt affermat li l-proposta tal-Kummissjoni li terġa' timponi l-miżuri tirriżulta fin-nuqqas ta' protezzjoni

---

([13]) Is-sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Marzu 2018, il-Kawża C-256/16 *Deichmann SE v Hauptzollamt Duisburg*, ECLI:EU:C:2018:187, il-paragrafu 79; u s-sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Ġunju 2019, C-612/16 *C & J Clark International Ltd v Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs*, EU:C:2019:508, il-paragrafu 58.

([14]) Is-sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Marzu 2018, il-Kawża C-256/16 Deichmann, ECLI:EU:C:2018:187, il-paragrafu 73; ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Ġunju 2019, il-Kawża C-612/16 P&J Clark International, ECLI:EU:C:2019:508, il-paragrafu 43.

([15]) Ibid, il-paragrafu 74; ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Ġunju 2019, il-Kawża C-612/16 P&J Clark International, EU:C:2019:508, il-paragrafu 43.

ġudizzjarja effettiva għaliex ifisser li l-Kummissjoni tista' ssolvi kwalunkwe ksur *ex post*, u li dan l-eżitu ifixkel il-bilanċ tal-poter fil-proċedimenti tad-difiża tal-kummerċ. Ir-raba', Eurobolt affermat li l-proposta tal-Kummissjoni tinjora d-deċiżjoni tal-Hoge Raad (il-Qorti Għolja tan-Netherlands) tan-Netherlands fil-kawża *Eurobolt v Staatssecretaris van Financiën* ([16]), u tħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma tinterferixxix fil-kompetenza esklużiva tal-awtoritajiet tad-dwana li jiddeċiedu dwar il-ħlas lura tad-dazji kontra ċ-ċirkomvenzjoni li tħallsu mill-Eurobolt.

(28) B'rabta mal-ewwel argument ta' Eurobolt, li kien sar diġà meta reġgħet infetħet l-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessi (18) u (19) li ssemmew qabel. Billi ma tressaq l-ebda argument ġdid, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

(29) Fir-rigward tat-tieni argument ta' Eurobolt, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonforma l-miżuri mas-sejbiet tal-panels u tal-korp tal-appell tad-WTO, li kienet ir-raġuni għaliex inħareġ ir-Regolament tas-26 ta' Frar 2016 (ara l-premessa (5) li ssemmiet qabel). Hija ddeċidiet li ma tagħmilx dan b'effett *ex tunc*. Sussegwentement, il-Kummissjoni kienet obbligata tieħu l-passi meħtieġa biex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri li tikkoreġi l-illegalità identifikata mill-Qorti. Billi l-iżball proċedurali seta' jiġi rimedjat u s-sejbiet ta' ċirkomvenzjoni ġew ikkonfermati, l-Kummissjoni kienet intitolata li terġa' timponi d-dazji kontra ċ-ċirkomvenzjoni għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri, abbażi tas-sejbiet mhux ikkontestati tal-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. L-ebda azzjoni minn dawn li ssemmew hawn fuq ma timplika ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba Fi kwalunkwe każ, Eurobolt għamlet referenza għall-prinċipju tajba, iżda ma speċifikatx liema dritt allegatament inkiser f'dan ir-rigward ([17]). Għalhekk il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

(30) B'rabta mat-tielet argument ta' Eurobolt, skont il-każistika stabbilita, il-kamp ta' applikazzjoni u r-raġunijiet tad-dikjarazzjoni ta' invalidità minn Qorti f'sentenza għandhom jiġu stabbiliti għal kull kawża speċifika (C-283/14 u C-284/14 *CM Eurologistik u GLS*, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, EU:C:2016:57, il-paragrafu 49 u l-każistika msemmija) u jistgħu jkunu b'mod li ma jkunux jeħtieġu l-ħlas lura tad-dażji rilevanti (il-kawża C-256/16 *Deichmann SE v Hauptzollamt Duisburg*, Is-Sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Marzu 2018, il-paragrafu 70). Fil-każwa attwali, il-ksur ma jinvalidax il-proċediment kollu bl-irregolarità. Kif inhu stipulat fil-premessi (7) sa (10), f'din il-kawża l-ksur tar-rekwiżit proċedurali jista' jitranġa u l-miżura tista' tiġi imposta mill-ġdid b'konformità mar-regoli proċedurali li huma applikabbli. Dawn l-obbligi ma jimminawx il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni wkoll.

(31) Fir-rigward tar-raba' affermazzjoni ta' Eurobolt, kif inhu stipulat fil-premessa (8) li ssemmiet aktar 'il fuq, il-Kummissjoni kellha tieħu l-passi meħtieġa biex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Id-deċiżjoni tal-Qorti Għolja tan-Netherlands, li kienet tikkonċerna wkoll l-kwistjoni dwar jekk l-imgħaxijiet kellhomx jitħallsu fil-każ li d-dazji anti-dumping jitħallsu lura, ma setgħetx teħles lill-Kummissjoni mill-obbligu tagħha li jirriżultaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tal-Kummissjoni lanqas ma' taħtaf il-kompetenzi tal-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri, kif ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja kemm f'*C&J Clark International* ([18]) kif ukoll f'*Deichmann* ([19]). Għalhekk il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

(32) EFDA esprimiet dispjaċir li l-affermazzjoni preċedenti tagħha li l-importaturi jiġu eżentati milli jħallsu dazji anti-dumping f'każijiet fejn l-importaturi setgħu juru li wettqu d-diliġenza dovuta fl-iżgurar li l-prodott importat kien ġie manifatturat legalment fil-Malasja ġiet irrifjutata. EFDA talbet lill-Kummissjoni biex terġa' tqis it-tħassib tagħha.

(33) Kif inhu stipulat fil-premessa (24), meta ċ-ċirkomvenzjoni tkun seħħet barra mill-UE (bħal f'dan il-każ) ma jkun hemm ebda raġuni li jingħataw eżenzjonijiet abbażi tad-diliġenza dovuta tal-importatur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonfermat ir-rifjut preċedenti tagħha tal-affermazzjoni ta' EFDA.

(34) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-kummenti li saru wara d-divulgazzjoni ma wasslux lill-Kummissjoni biex tibdel il-konklużjoni tagħha, kif inhu stipulat fil-premessa (25) msemmija aktar 'il fuq.

([16]) Hoge Raad, *Eurobolt v Staatssecretaris van Financiën*, id-29 ta' Novembru 2019, 15/04667 bis, NL:HR:2019:1875.

([17]) Ara s-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Area Cova vs il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Kawża T-196/99, EU:T:2001:281, il-paragrafu 43; tal-4 ta' Ottubru 2006, Tillack vs il-Kummissjoni, il-Kawża T- 193/04, EU:T:2006:292, il-paragrafu 127; u tat-13 ta' Novembru 2008, SPM vs il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Kawża T-128/05, EU:T:2008:494, il-paragrafu 127.

([18]) Is-Sentenza tat-19 ta' Ġunju 2019, il-Kawża C-612/16 *C&J Clark International*, EU:C:2019:508, il-p/aragrafi 84-85.

([19]) Is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, il-Kawża C-256/16 *Deichmann*, EU:C:2018:187, il-paragrafu 84.

(35) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), meta ammont ikun irid jitħallas lura wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jkun irid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(36) Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" impost mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 91/2009 fuq ċerti l-importazzjonijiet ta' qfieli tal-ħadid jew tal-azzar, minbarra dawk tal-azzar inossidabbli, jiġifieri viti għall-injam (minbarra coach screws), viti selftepping, viti oħrajn u boltijiet bir-ras (kemm jekk bl-iskorfini u l-woxers tagħhom u kemm jekk le, iżda minbarra viti mdawrin minn biċċiet (bars), vireg, profili, jew wajer, ta' qatgħa solida, bil-parti dritta mhux eħxen minn 6 mm u minbarra viti u boltijiet li jintużaw għat-twaħħil ta' materjal ta' kostruzzjoni tal-ferroviji), u woxers, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, b'dan huwa estiż għal fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar, minbarra dawk tal-azzar inossidabbli, jiġifieri viti għall-injam (minbarra coach screws), viti selftepping, viti oħrajn u boltijiet bir-ras (kemm jekk bl-iskorfini u l-woxers tagħhom u kemm jekk le, iżda minbarra viti mdawrin minn biċċiet (bars), vireg, profili, jew wajer, ta' qatgħa solida, bil-parti dritta mhux eħxen minn 6 mm u minbarra viti u boltijiet li jintużaw għat-twaħħil ta' materjal ta' kostruzzjoni tal-ferroviji), u woxers, ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarat li joriġinaw mill-Malasja u kemm jekk le, u li matul il-perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 723/2011 kienu jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7318 12 90, ex 7318 14 91, ex 7318 14 99, ex 7318 15 59, ex 7318 15 69, ex 7318 15 81, ex 7318 15 89, ex 7318 15 90, ex 7318 21 00 u ex 7318 22 00. Il-kodiċijiet TARIC huma mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika fil-każ tal-produtturi li jesportaw li huma mniżżla fl-Anness II.

3. Id-dazju estiż mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u kemm jekk le, irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 966/2010 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kumpaniji elenkati fil-paragrafu 2.

*Artikolu 2*

1. Id-dazji miġbura abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 723/2011 ma għandhomx jitħallsu lura.

2. Kwalunkwe ħlas lura li sar fis-segwitu tas-sentenza tal-Kawża C-644/17 *Eurobolt* (EU:C:2019:555) tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġu rkuprat mill-awtoritajiet li kienu għamlu dawn il-ħlasijiet lura.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([20]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

*ANNESS I*

## Kodiċijiet TARIC għal ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar kif definit fl-Artikolu 1

(a) *Validi mis-27 ta' Lulju 2011 sas-27 ta' Frar 2016*

Kodiċijiet NM ex 7318 12 90, ex 7318 14 91, ex 7318 14 99, ex 7318 15 59, ex 7318 15 69, ex 7318 15 81, ex 7318 15 89, ex 7318 15 90, ex 7318 21 00 u ex 7318 22 00 (kodiċijiet TARIC 7318 12 90 11, 7318 12 90 91, 7318 14 91 11, 7318 14 91 91, 7318 14 99 11, 7318 15 59 11, 7318 15 59 61, 7318 15 59 81, 7318 15 69 11, 7318 15 69 61, 7318 15 69 81, 7318 15 81 11, 7318 15 81 61, 7318 15 81 81, 7318 15 89 11, 7318 15 89 61, 7318 15 89 81, 7318 15 90 21, 7318 15 90 71, 7318 15 90 91, 7318 21 00 31, 7318 21 00 95, 7318 22 00 31 u 7318 22 00 95)

(b) *Validu bejn is-27 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012*

7318 14 99 91

(c) *Validi mill-1 ta' Lulju 2012 sas-27 ta' Frar 2016*

7318 14 99 20, 7318 14 99 92

*ANNESS II*

## Lista ta' produtturi esportaturi

| Isem il-produttur esportatur | Kodiċi TARIC addizzjonali kodiċi |
|---|---|
| Acku Metal Industries (M) Sdn. Bhd | B123 |
| Chin Well Fasteners Company Sdn. Bhd | B124 |
| Jinfast Industries Sdn. Bhd | B125 |
| Power Steel and Electroplating Sdn. Bhd | B126 |
| Sofasco Industries (M) Sdn. Bhd | B127 |
| Tigges Fastener Technology (M) Sdn. Bhd | B128 |
| TI Metal Forgings Sdn. Bhd | B129 |
| United Bolt and Nut Sdn. Bhd | B130 |
| Andfast Malaysia Sdn. Bhd. | B265 |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/612

**tal-4 ta’ Mejju 2020**

**li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Id-dispożizzjonijiet speċifiċi eżistenti dwar il-possibbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu li ma tiġi rreġistrata l-ebda restrizzjoni fuq vetturi bi trażmissjoni awtomatika fuq il-liċenzja tas-sewqan ta’ detenturi ta’ liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija C, CE, D u DE, jenħtieġ li jiġu estiżi għad-detenturi ta’ liċenzji tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija BE, C1, C1E, D1 u D1E meta l-applikant ikun diġà detentur ta’ liċenzja tas-sewqan maħruġa fuq vettura bi trażmissjoni manwali f’mill-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin: B, BE, C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 jew D1E.

(2) Jenħtieġ li l-estensjoni titwettaq fid-dawl tal-progress tekniku, b’mod partikolari sabiex jitqies l-iżvilupp u l-użu dejjem akbar fl-industrija tat-trasport, ta’ vetturi aktar moderni, sikuri u li jniġġsu inqas mgħammra b’firxa wiesgħa ta’ sistemi ta’ trażmissjoni semiawtomatiċi, awtomatiċi jew ibridi. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni tar-restrizzjonijiet eżistenti fuq is-sewqan ta’ vetturi awtomatiċi, tnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-SMEs u l-mikrointrapriżi li joperaw fil-qasam tat-trasport bit-triq.

(3) Ir-rekwiżiti tal-muturi tal-vetturi tat-test tal-kategorija A2 li għandhom jintużaw waqt it-test tal-ħiliet u l-komportamenti, jeħtieġ li jiġu adattati għall-progress tekniku, b’mod partikolari għall-magni ta’ kombustjoni u għall-iżvilupp tax-xażi u għall-użu usa’ tal-muturi elettriċi. Jenħtieġ li l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-vetturi tat-test tal-kategorija A2 jiżgura li l-applikanti jiġu ttestjati fuq vetturi li huma rappreżentattivi tal-kategorija li għaliha tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan.

(4) Għalhekk, id-Direttiva 2006/126/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(5) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta’ Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta’ spjegazzjoni ([2]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li f’każijiet ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta’ traspożizzjoni tagħhom b’dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta’ direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta’ traspożizzjoni nazzjonali.

(6) Il-miżuri previsti f’din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-liċenzji tas-sewqan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Direttiva 2006/126/KE huwa emendat skont l-Anness ta’ din id-Direttiva.

---

([1]) ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.
([2]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

*Artikolu 2*

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2020, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amminstrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Novembru 2020.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness II tad-Direttiva 2006/126/KE huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 5.1.3. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5.1.3. Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar vetturi tal-kategorija BE, C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma tiġi rreġistrata l-ebda restrizzjoni fuq vetturi bi trażmissjoni awtomatika fuq il-liċenzja tas-sewqan għal vetturi tal-kategorija BE, C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 jew D1E msemmija fil-punt 5.1.2, meta l-applikant ikun diġà detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa fuq vettura bi trażmissjoni manwali f'mill-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin: B, BE, C, CE, C1, C1E, D, D1 jew D1E, u jkun wettaq l-azzjonijiet deskritti fil-punt 8.4 matul it-test ta' ħiliet u ta' komportament.".

(b) Fil-punt 5.2, it-tieni subparagrafu tat-tieni subtitolu "Kategorija A2", huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk il-mutur jaħdem b'magna ta' kombustjoni interna, il-kapaċità kubika għandha tkun ta' mill-inqas 250 $cm^3$.".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/613

**tas-7 ta' Frar 2020**

**dwar il-miżura SA.17653 — C36/2007 (ex NN 25/2007) implimentata mill-Ġermanja għal Deutsche Post AG**

*(notifikata bid-dokument C(2020) 593)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) iċċitata/i hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## 1. **PROĊEDURA**

### 1.1. **Sommarju rilevanti tal-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat**

#### 1.1.1. *Deċiżjoni ta' Ftuħ*

(1) Fl-1994, il-United Parcel Service ("UPS") ressaq ilment dwar l-għoti ta' għajnuna illegali mill-Istat lil Deutsche Bundespost POSTDIENST ("POSTDIENST").

(2) Il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fit-23 ta' Ottubru 1999 ("id-Deċiżjoni ta' Ftuħ") fir-rigward ta' diversi miżuri tal-Istat: kumpensi mogħtija għall-obbligu tas-servizz universali, garanzija tal-gvern u sussidji tal-pensjonijiet għall-perjodu mill-1995 sal-1999.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

(4) Il-Ġermanja ssottomettiet il-kummenti tagħha fis-16 ta' Settembru 1999.

(5) Wara l-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni rċiviet kummenti mingħand 14-il parti interessata, li ntbagħtu kif xieraq lill-Gvern Ġermaniż permezz ta' ittra datata l-15 ta' Diċembru 1999 li pprovdietlu l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar dawn il-kummenti.

(6) L-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu permezz ta' ittra datata l-1 ta' Frar 2000, li ġiet irreġistrata li waslet fit-2 ta' Frar 2000.

([1]) ĠU C 306, 23.10.1999, p. 25.
([2]) ĠU C 306, 23.10.1999, p. 25.

### 1.1.2. *Id-Deċiżjoni tal-2002*

(7) Fid-19 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2002/753/KE ([3]) ("id-Deċiżjoni tal-2002") li sabet li POSTDIENST u s-suċċessur tagħha Deutsche Post AG ("DPAG", filwaqt li POSTDIENST u DPAG se jissejħu flimkien "Deutsche Post") ipprezzaw il-pakketti bieb bieb f'livell anqas mill-kostijiet inkrementali u li l-politika ta' pprezzar aggressiv tagħhom ma kinitx taqa' taħt l-obbligu tas-servizz universali ta' Deutsche Post.

(8) Il-Kummissjoni kkunsidrat li t-telf li rriżulta ta' EUR 572 miljun fl-aħħar mill-aħħar kien iffinanzjat, bi ksur tal-Artikoli 106 u 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), minn riżorsi tal-Istat li ngħataw lil Deutsche Post f'diversi forom (eż. trasferimenti pubbliċi mill-kumpanija oħt Deutsche Bundespost TELEKOM ("TELEKOM"), garanziji pubbliċi għal self, u sussidji pubbliċi għall-finanzjament tal-pensjonijiet tal-impjegati taċ-ċivil).

(9) Wara d-Deċiżjoni tal-2002, il-Ġermanja rkuprat l-għajnuna inkompatibbli mill-Istat ta' EUR 572 miljun mingħand DPAG. Deutsche Post ikkontestat id-deċiżjoni fil-Qrati tal-Unjoni.

### 1.1.3. *Ilmenti ulterjuri wara d-Deċiżjoni tal-2002*

(10) Fit-13 ta' Mejju 2004, UPS ressqet ilment ieħor dwar għajnuna illegali mill-Istat mogħtija lil Deutsche Post wara d-Deċiżjoni tal-2002. UPS issostni li d-Deċiżjoni tal-2002 naqset milli teżamina l-miżuri kollha elenkati fl-ilment oriġinali tal-1994, u li Deutsche Post gawdiet minn benefiċċji finanzjarji ferm ogħla mill-għajnuna inkompatibbli ta' EUR 572 miljun. Barra minn hekk, UPS hija tal-opinjoni li Deutsche Post użat riżorsi tal-Istat sabiex tespandi l-operazzjonijiet tagħha tat-twassil tal-pakketti (eż. għax-xiri ta' kumpaniji oħra) u sabiex tbigħ servizzi bi prezzijiet ta' trasferiment eċċessivament baxxi lis-sussidjarji tagħha Postbank AG ("POSTBANK") u Deutsche Post Euro Express GmbH & Co OHG, li kienu attivi rispettivament fis-servizzi bankarji u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-pakketti kummerċjali taħt l-isem tad-ditta "DHL".

(11) Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talbiet għal informazzjoni lill-Ġermanja fid-9 ta' Novembru 2004 u fl-1 ta' April 2005. Il-Ġermanja ssottomettiet it-tweġibiet tagħha fit-2 ta' Diċembru 2004 u fit-3 ta' Ġunju 2005 rispettivament.

(12) Fis-16 ta' Lulju 2004, TNT Post AG & Co KG ("TNT") ressqet lment li allega wkoll li Deutsche Post biegħet servizzi bi prezzijiet ta' trasferiment eċċessivament baxxi lil POSTBANK. Hija sostniet li, filwaqt li POSTBANK ħallset biss il-kostijiet varjabbli għas-servizzi pprovduti, Deutsche Post iffinanzjat il-kostijiet fissi komuni tan-netwerk tad-distribuzzjoni kompletament mid-dħul tal-monopolju tal-ittri tagħha.

(13) Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talbiet għal informazzjoni lill-Ġermanja fl-11 ta' Novembru 2004 u fil-25 ta' April 2005. Il-Ġermanja ssottomettiet it-tweġibiet tagħha fis-17 ta' Diċembru 2004 u fit-23 ta' Ġunju 2005 rispettivament.

### 1.1.4. *Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007*

(14) Wara l-ilmenti ulterjuri, il-Kummissjoni informat lill-Ġermanja permezz tal-ittra tat-12 ta' Settembru 2007 ([4]) bid-deċiżjoni tagħha li testendi l-proċedimenti li oriġinarjament kienu nbdew fl-1999 ("id-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007").

(15) L-objettiv tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007 kien li jinkludi l-informazzjoni sottomessa ġdida u li tindirizza b'mod komprensiv id-distorsjonijiet potenzjali kollha tal-kompetizzjoni li rriżultaw mill-miżuri pubbliċi li ngħataw lil Deutsche Post.

(16) Il-Ġermanja ssottomettiet il-kummenti tagħha fl-14 ta' Diċembru 2007 u Deutsche Post ikkontestat il-validità tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007 ([5]). Fit-16 ta' Novembru 2007 UPS u TNT issottomettew il-kummenti tagħhom. Wara talba inizjali għal estensjoni tal-iskadenza fl-20 ta' Diċembru 2007, fit-12 ta' Marzu 2008 il-Ġermanja eventwalment issottomettiet il-kummenti tagħha dwar l-osservazzjonijiet ta' UPS u ta' TNT.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/753/KE tad-19 ta' Ġunju 2002 dwar miżuri implimentati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għal Deutsche Post AG (ĠU L 247, 14.9.2002, p. 27).

([4]) ĠU C 245, 19.10.2007, p. 21.

([5]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2011, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-421/07, ECLI:EU:T:2011:720.

1.1.5. *Talba għal informazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008*

(17) Fis-17 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-Ġermanja dwar il-miżuri pubbliċi kollha taħt investigazzjoni, inkluż kwestjonarju dwar id-dħul u l-kostijiet ta' Deutsche Post għall-perjodu mill-1989 sal-2007. Fil-5 ta' Awwissu 2008, il-Ġermanja talbet estensjoni mhux definita tal-iskadenza minħabba li d-disponibbiltà ta' ċerta *data* kellha tiġi vverifikata qabel ma setgħet tiġi pprovduta tweġiba.

(18) Fit-12 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni spjegat għaliex l-investigazzjoni dwar id-dħul u l-kostijiet ta' Deutsche Post jenħtieġ li ssir għall-perjodu mill-1989 sal-2007 u insistiet fuq is-sottomissjoni tal-informazzjoni mitluba.

(19) Fis-sottomissjoni tagħha tal-14 ta' Awwissu 2008, il-Ġermanja sostniet li ma kien hemm l-ebda raġuni biex jiġu eżaminati d-dħul u l-kostijiet ta' Deutsche Post għall-perjodu ta' wara l-1994. Fit-22 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni żammet id-dritt li tadotta inġunzjoni ta' informazzjoni skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([6]) jekk il-Ġermanja ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba.

(20) Fit-2 ta' Ottubru 2008, il-Ġermanja ppreżentat ir-riżultati ta' opinjoni esperta oħra biex issostni l-pożizzjoni li analiżi kontabilistika ta' wara l-1994 ma kinitx meħtieġa u, għalhekk, il-perjodu ta' investigazzjoni xieraq jenħtieġ li jkun mill-1990 sal-1994.

(21) Fit-28 ta' Ottubru 2008, il-Ġermanja ssottomettiet informazzjoni dwar il-garanzija pubblika u l-miżura tal-pensjonijiet.

1.1.6. *Inġunzjoni ta' informazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2008*

(22) Il-Kummissjoni ma aċċettatx l-argumenti tal-Ġermanja u insistiet li kienet meħtieġa analiżi sal-2007 sabiex jiġu apprezzati bis-sħiħ l-effetti kompetittivi tal-miżuri pubbliċi implimentati. Wara ż-żewġ tfakkiriet għall-informazzjoni tat-12 ta' Awwissu 2008 u tat-22 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni ħarġet inġunzjoni ta' informazzjoni fit-30 ta' Ottubru 2008 biex tesiġi lill-Ġermanja tipprovdi l-informazzjoni dwar il-kontabilità kollha meħtieġa għall-perjodu sħiħ mill-1989 sal-2007.

(23) Il-Ġermanja u d-Deutsche Post ikkontestaw il-validità tal-inġunzjoni ta' informazzjoni ([7]).

(24) Fis-27 ta' Novembru 2008, il-Ġermanja ssottomettiet l-informazzjoni dwar il-kontabilità mitluba għall-perjodu mill-1989 sal-1994. Fil-5 u fis-16 ta' Diċembru 2008, il-Ġermanja aġġornat l-informazzjoni dwar il-kontabilità li kienet ġiet sottomessa fis-27 ta' Novembru 2008.

1.1.7. *Sottomissjoni tal-informazzjoni dwar il-kontabilità għall-perjodu mill-1989 sal-2007*

(25) Wara laqgħa bejn is-Segretarju tal-Istat Ġermaniż responsabbli, is-CEO tad-DPAG u l-Kummissarju responsabbli għall-Politika tal-Kompetizzjoni fis-6 ta' Frar 2009, il-Ġermanja u Deutsche Post qablu li jipprovdu informazzjoni dwar il-kontabilità għall-perjodu ta' wara l-1994.

(26) Fit-3 ta' Marzu 2009, il-Ġermanja ssottomettiet l-ewwel sett ta' informazzjoni dwar il-kontabilità għall-perjodu tal-investigazzjoni sħiħ mill-1989 sal-2007

(27) Il-laqgħat bejn Deutsche Post u s-servizzi tal-Kummissjoni saru fit-3 ta' Marzu 2009 fi Brussell kif ukoll fit-12 ta' Marzu 2009, fit-2 ta' April 2009, fit-28 ta' Mejju 2009, fit-23 ta' Ġunju 2009, u fit-18 ta' Settembru 2009 f'Bonn. Il-Ġermanja ssottomettiet aktar informazzjoni minn Deutsche Post fis-26 ta' Marzu 2009, fis-7 ta' Mejju 2009, u fit-22 ta' Ġunju 2009.

(28) Wara dawk il-laqgħat u żewġ listi ta' mistoqsijiet li s-servizzi tal-Kummissjoni ssottomettew lil Deutsche Post fl-4 ta' Ġunju 2009 u fit-30 ta' Lulju 2009, il-Ġermanja pprovdiet informazzjoni aġġornata dwar il-kontabilità u kjarifiki ulterjuri fid-9 ta' Lulju 2009, fil-31 ta' Lulju 2009, fis-17 ta' Awwissu 2009, fit-8 ta' Settembru 2009, fl-10 ta' Settembru 2009 u fil-15 ta' Ottubru 2009.

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

([7]) Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2010, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-570/08, ECLI:EU:T:2010:31, Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2010, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-571/08, ECLI:EU:T:2010:312, Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ottubru 2011, *Deutsche Post u l-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni*, C-463/10 P u C-475/10 P, ECLI:EU:C:2011:656, Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Mejju 2012, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni*, T-571/08 RENV, ECLI:EU:T:2012:228 u s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2013, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-570/08 RENV, ECLI:EU:T:2013:589.

(29) Fis-16 u fl-24 ta' Settembru 2009, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu aktar mistoqsijiet li l-Ġermanja pprovdiet it-tweġibiet għalihom fl-14 ta' Ottubru 2009.

### 1.1.8. *Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011*

(30) Permezz ta' ittra datata l-10 ta' Mejju 2011 ([8]), il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li testendi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE li oriġinarjament kienet inbdiet fl-1999 u estiża fl-2007, sabiex twettaq investigazzjoni fil-fond fir-rigward tas-sussidji tal-pensjonijiet li Deutsche Post irċiviet mill-1995 ("id-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011").

(31) Wara talba inizjali għal estensjoni tal-iskadenza fit-23 ta' Mejju 2011, il-Ġermanja ssottomettiet il-kummenti tagħha fid-29 ta' Lulju 2011.

(32) Fl-4 ta' Ottubru 2011, UPS issottomettiet il-kummenti tagħha. Dawn kienu segwiti b'kummenti sottomessi minn Free and Fair Post Initiative fil-5 ta' Ottubru 2011 u l-kummenti sottomessi minn Bundesverband Internationaler Express und Kurierdienste ("BIEK") fis-7 ta' Ottubru 2011. Fit-13 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti mill-partijiet interessati lill-Ġermanja.

(33) Fl-14 ta' Novembru 2011, il-Ġermanja ssottomettiet il-kummenti tagħha dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi.

(34) Fit-18 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni bagħtet talba oħra għal informazzjoni dwar id-dettalji tal-finanzjament tal-pensjonijiet għall-perjodu ta' wara l-2007. Fit-2 ta' Jannar 2012 u fid-19 ta' Jannar 2012, il-Ġermanja ssottomettiet it-tweġibiet. Fis-16 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni ssottomettiet lill-Ġermanja studju espert minn Charles River Associates dwar il-valutazzjoni komparattiva tal-profitti ([9]) għall-kummenti li l-Ġermanja wieġbet għalihom fis-16 ta' Jannar 2012.

### 1.1.9. *Id-Deċiżjoni tal-2012*

(35) Fil-25 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2012/636/UE ([10]) ("id-Deċiżjoni tal-2012").

(36) F'dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-rigward tal-miżura tal-pensjonijiet li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli u ordnat l-irkupru tal-għajnuna għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sakemm jintemm il-vantaġġ komparattiv Fir-rigward tal-għajnuna għall-perjodu mill-1995 sal-2002, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien impossibbli li jiġi kkwantifikat l-ammont tal-għajnuna inkompatibbli. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma ordnatx l-irkupru tal-għajnuna fir-rigward ta' dan il-perjodu.

(37) Fir-rigward tat-trasferimenti pubbliċi, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn ingħataw illegalment mill-Ġermanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, iżda huma kompatibbli mas-suq intern. Fir-rigward tal-garanzija tal-gvern, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna eżistenti lil Deutsche Post skont l-Artikoli 107(1) u 108(3) TFUE.

## 1.2. **Sommarju tal-proċeduri rilevanti tal-Qorti**

### 1.2.1. *Annullament tad-Deċiżjoni tal-2002*

(38) Fis-sentenza tagħha tal-2008 ([11]), il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-2002 minħabba li l-Kummissjoni naqset milli twettaq analiżi komprensiva tad-dħul u tal-kostijiet kollha tas-servizz universali biex tiddetermina jekk Deutsche Post ingħatatx kumpens nieqes jew kumpens żejjed.

(39) Il-Ġermanja mbagħad ħallset lura EUR 572 miljun f'għajnuna mill-Istat irkuprata flimkien mal-imgħax dovut lil Deutsche Post.

(40) Fit-2 ta' Settembru 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell tal-Kummissjoni kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali ([12]).

([8]) ĠU C 263, 7.9.2011, p. 4.

([9]) Charles River Associates, Marzu 2011, "Estimating a reasonable profit margin for provision of letter services", ippreżentat mill-Belġju fil-każ tal-għajnuna mill-Istat SA.14588 — Għajnuna mill-Istat lil bpost.

([10]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/636/UE tal-25 ta' Jannar 2012 — Miżuri C 36/07 (ex NN 25/07) implimentati mill-Ġermanja għal Deutsche Post AG (ĠU L 289, 19.10.2012, p. 1).

([11]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Lulju 2008, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-266/02, ECLI:EU:T:2008:235.

([12]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2010, *Il-Kummissjoni* vs *Deutsche Post*, C-399/08 P, ECLI:EU:C:2010:481.

#### 1.2.2. *Annullament tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007*

(41) Deutsche Post ikkontestat il-validità tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007, billi sostniet li d-Deċiżjoni tal-2002 ħolqot aspettattivi leġittimi li l-Kummissjoni ma kinitx se tkompli bl-investigazzjonijiet tagħha.

(42) Fit-8 ta' Diċembru 2011, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dik il-kontestazzjoni bħala inammissibbli ([13]), fuq il-bażi li d-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007 kienet tikkonċerna l-istess miżuri li kienu fil-mira tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

(43) Fl-24 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-2011 tal-Qorti Ġenerali dwar id-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007 ([14]), filwaqt li rreferiet il-każ lura lill-Qorti Ġenerali.

(44) Fit-18 ta' Settembru 2015, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007 ([15]). Is-sentenza ma ġietx appellata.

#### 1.2.3. *Annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-2012*

(45) Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikoli 1 u 4 tad-Deċiżjoni tal-2012 ([16]), billi sostniet li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovat l-eżistenza ta' xi vantaġġ mogħti lil Deutsche Post. Is-sentenza ma ġietx appellata.

(46) Il-bqija tad-Deċiżjoni tal-2012 ma ġietx appellata.

#### 1.2.4. *Annullament tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011*

(47) Fl-10 ta' April 2019, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011 ([17]), billi sostniet li l-Kummissjoni ma kinitx immotivat biżżejjed il-ftuħ tal-proċedura formali (ksur tal-Artikolu 296 TFUE) fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ. Is-sentenza ma ġietx appellata.

### 1.3. **Kummenti riċevuti wara l-annullament tad-Deċiżjoni tal-2012 u tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011**

(48) Wara l-annullament tad-Deċiżjoni tal-2012 u tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011, il-Kummissjoni rċiviet sottomissjonijiet addizzjonali, mingħand UPS permezz tal-ittri tal-24 ta' Mejju 2019 u tas-17 ta' Lulju 2019 u mingħand BIEK permezz ta' ittra tal-31 ta' Mejju 2019. Fl-ittri tagħhom, UPS u BIEK enfasizzaw li huma kienu għadhom imħassba dwar il-miżura tal-pensjonijiet u ħeġġew lill-Kummissjoni tkompli u tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha. Fit-28 ta' Novembru 2019, UPS issottomettiet aktar kummenti.

## 2. **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA INVESTIGATA**

### 2.1. **Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni**

(49) Qabel kollox, fid-dawl tal-bosta deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni u l-annullament ta' ċerti deċiżjonijiet, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(50) Il-Kummissjoni tfakkar li hija kkonkludiet fid-Deċiżjoni tal-2012:

(a) fir-rigward tat-trasferimenti pubbliċi, li dawn ingħataw illegalment mill-Ġermanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, iżda huma kompatibbli mas-suq intern; u

(b) fir-rigward tal-garanzija tal-gvern, li din il-miżura tikkostitwixxi għajnuna eżistenti lil Deutsche Post skont l-Artikoli 107(1) u 108(3) TFUE.

(51) Fir-rigward ta' dawn il-konklużjonijiet, id-Deċiżjoni tal-2012 ma ġietx appellata u, għalhekk, tibqa' fis-seħħ.

---

([13]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2011, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-421/07, ECLI:EU:T:2011:720.
([14]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2013, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, C-77/12 P, ECLI:EU:C:2013:695.
([15]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2015, Deutsche Post vs Il-Kummissjoni, T-421/07 RENV, ECLI:EU:T:2015:654.
([16]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2016, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni*, T-143/12, ECLI:EU:T:2016:406.
([17]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2019, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-388/11, ECLI:EU:T:2019:237.

(52) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li d-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007 u d-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011 ġew annullati mill-Qrati.

(53) F'dan l-isfond, l-investigazzjoni tikkonċerna biss il-pagamenti deskritti fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ.

(54) B'mod partikolari, id-Deċiżjoni ta' Ftuħ tirreferi għal dawn li ġejjin:

(a) il-ħlasijiet li saru minn Deutsche Post fil-fond tal-pensjonijiet (stabbilit fil-kuntest tal-privatizzazzjoni ta' Deutsche Post) fl-ammont ta' DEM 4 biljun (madwar EUR 2,05 biljun) fis-sena bejn l-1995 u l-1999;

(b) id-defiċit ta' DEM 8,2 biljun (madwar EUR 4,19 biljun) akkumulati fil-fond tal-pensjonijiet bħala riżultat tal-irtirar bikri ta' għadd konsiderevoli ta' impjegati ta' Deutsche Post sal-1999; u

(c) il-fatt li l-Ġermanja, f'konformità ma' dak li ħabbar il-Ministru tal-Finanzi Ġermaniż fit-18 ta' Jannar 1999, kopriet dak id-defiċit.

(55) F'dan l-isfond, il-miżura tal-pensjonijiet kif deskritta hawn fuq tifforma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni.

## 2.2. **Il-miżura tal-pensjonijiet għall-perjodu mill-1995 sal-1999**

(56) Il-miżura tal-pensjonijiet ibbażata fuq il-Liġi dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-persunal tal-ex servizz postali federali Ġermaniż (*Gesetz zum Personalrecht der Beschäftigten der früheren Deutschen Bundespost (Postpersonalrechtsgesetz)*) ([18]) ("PostPersRG") ilha mill-1995 tiffinanzja sehem kbir mill-pensjonijiet għall-impjegati taċ-ċivil irtirati ta' Deutsche Post. Sabiex ikunu mifhuma bis-sħiħ l-effetti tal-miżura tal-pensjonijiet fil-valutazzjoni fit-taqsima 5, it-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu f'aktar dettall il-benefiċċji u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegati taċ-ċivil meta mqabbla mal-assigurazzjonijiet soċjali obbligatorji għall-impjegati taħt kuntratti rregolati bil-liġi privata ("impjegati privati").

### 2.2.1. *Benefiċċji soċjali għall-impjegati taċ-ċivil*

(57) Il-ħaddiema taċ-ċivil huma intitolati għal pensjonijiet tal-irtirar, għal kura tas-saħħa u għal kura fit-tul. Il-benefiċċji għall-impjegati taċ-ċivil ta' Deutsche Post huma l-istess bħal dawk tal-impjegati l-oħra kollha taċ-ċivil.

(a) Il-livell tal-pensjoni huwa ddefinit minn qabel, skont l-Artikolu 14 tal-Liġi dwar il-pensjonijiet tas-servizz ċivili (*Gesetz über die Versorgung der Beamten und Richter in Bund und Ländern* (*Beamtenversorgungsgesetz — BeamtVG*) tal-24 ta' Awwissu 1976 ([19]), bħala ċertu perċentwal tal-aħħar salarju li jaqla' l-impjegat taċ-ċivil.

(b) L-impjegati taċ-ċivil huma intitolati għal rimborż ta' bejn 50 % u 70 % tal-ispejjeż tas-saħħa u tal-kura fit-tul, filwaqt li jridu jġarrbu l-ispejjeż li jifdal huma stess. It-tqassim eżatt tal-kostijiet tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul jiddependi minn diversi kriterji bħan-numru ta' tfal. L-impjegati taċ-ċivil jistgħu jagħżlu jew li jassiguraw ruħhom b'assigurazzjoni komplementari volontarja jew li jħallsu s-sehem tagħhom tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul minn buthom.

### 2.2.2. *Il-finanzjament tal-benefiċċji soċjali tal-impjegati taċ-ċivil mill-1989 sal-1994 f'POSTDIENST*

(58) Wara l-ewwel riforma postali tal-1989, skont l-Artikolu 54(2) tal-Liġi dwar l-istruttura legali korporattiva tas-servizz postali federali Ġermaniż (*Gesetz über die Unternehmensverfassung der Deutschen Bundespost* (*Postverfassungsgesetz — PostVerfG*) ([20]), POSTDIENST, TELEKOM u POSTBANK kellhom jiffinanzjaw kompletament il-ħlasijiet tal-pensjonijiet u l-ispejjeż tas-saħħa tal-impjegati taċ-ċivil irtirati li ġew allokati lill-kumpaniji rispettivi abbażi tal-attivitajiet preċedenti tagħhom.

(59) Dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi li, filwaqt li l-pretensjoni tal-impjegat taċ-ċivil tibqa' diretta kontra l-Istat, l-Istat għandu d-dritt għall-pretensjoni tal-ammont kollu mingħand POSTDIENST, TELEKOM u POSTBANK rispettivament.

---

([18]) L-Artikolu 4 tal-Liġi dwar ir-riforma tas-servizzi postali u tat-telekomunikazzjonijiet (*Gesetz zur Neuordnung des Postwesens und der Telekommunikation* (*Postneuordnungsgesetz — PTNeuOG*), l-14 ta' Settembru 1994, Gazzetta tal-Liġi Federali (*Bundesgesetzblatt*) ("BGBl.") 1994, Parti I, Nru 61, p. 2325.

([19]) BGBl. 1976, Parti I, Nru 111, p. 2485.

([20]) L-Artikolu 1 tal-Liġi dwar ir-ristrutturar tas-servizzi postali u tat-telekomunikazzjoni u tas-servizz postali federali Ġermaniż (*Gesetz zur Neustrukturierung des Post- und Fernmeldewesens und der Deutschen Bundespost (Poststrukturgesetz — PostStruktG*), it-8 ta' Ġunju 1989, BGBl. 1989, Parti I, Nru 25, p. 1026.

2.2.3. *Il-finanzjament tal-benefiċċji soċjali għall-impjegati taċ-ċivil ta' DPAG mill-1995*

(60) Permezz tar-riforma tal-1994 tas-servizzi postali u tat-telekomunikazzjonijiet (*Gesetz zur Neuordnung des Postwesens und der Telekommunikation*), l-impjegati taċ-ċivil li kienu ħadmu għal POSTDIENST ġew ittrasferiti għal DPAG skont l-Artikolu 2(1) PostPersRG. B'hekk, skont l-Artikolu 2(3) PostPersRG, l-impjegati taċ-ċivil żammew l-istatus legali eżistenti tagħhom. Skont l-Artikolu 1(1) PostPersRG, DPAG assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha ta' min iħaddem mingħand l-Istat Federali u, skont l-Artikolu 2(3) PostPersRG, assumiet il-pretensjonijiet kollha tal-impjegati taċ-ċivil relatati mad-drittijiet tal-proprjetà.

(61) Skont l-Artikolu 15 PostPersRG, il-ħlas tal-ispejjeż tal-pensjonijiet u tas-saħħa lill-impjegati taċ-ċivil irtirati ġie assunt minn fond tal-pensjonijiet maħluq ġdid għall-impjegati taċ-ċivil ta' Deutsche Post. Fl-1 ta' Lulju 2001, il-fondi tal-pensjonijiet għal Deutsche Post, TELEKOM u għal POSTBANK ġew amalgamati fil-fond tal-pensjonijiet għall-impjegati taċ-ċivil tas-servizz postali (*Postbeamtenversorgungskasse*) ("il-Fond tal-Pensjonijiet").

(62) Skont l-Artikolu 16(1) PostPersRG, Deutsche Post kellha tħallas kontribuzzjonijiet annwali ta' EUR 2,045 biljun lill-Fond tal-Pensjonijiet għall-perjodu mill-1995 sal-1999, li jammontaw għal EUR 10,225 biljun.

(63) Id-defiċit li jifdal (eż. id-differenza bejn il-pensjonijiet għall-impjegati taċ-ċivil irtirati u l-kontribuzzjoni ta' Deutsche Post għall-Fond tal-Pensjonijiet), kien kopert minn miżura tal-pensjonijiet, skont l-Artikolu 16(2) PostPersRG. Il-miżura tal-pensjonijiet żdiedet minn EUR 151 miljun fl-1995 għal EUR 1,118 biljun fl-1999.

(64) Il-graffs fl-Illustrazzjonijiet 1 u 2 hawn taħt jirrappreżentaw il-kontribuzzjonijiet rispettivi ta' Deutsche Post u tal-Ġermanja (bħala ammont u perċentwal) għall-Fond tal-Pensjonijiet.

*Illustrazzjoni 1*

**Finanzjament tal-Fond tal-Pensjonijiet (miljuni ta' EUR)**




| | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kumpens pubbliku għall-Fond tal-Pensjonijiet | 151 | 417 | 801 | 941 | 1118 |
| Kontribuzzjoni ta' Deutsche Post għall-Fond tal-Pensjonijiet | 2045 | 2045 | 2045 | 2045 | 2045 |

*Illustrazzjoni 2*

**Kontribuzzjonijiet għall-Fond tal-Pensjonijiet (%)**




| | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kumpens pubbliku għall-Fond tal-Pensjonijiet (%) | 7 | 17 | 28 | 32 | 35 |
| Kontribuzzjoni ta' Deutsche Post għall-Fond tal-Pensjonijiet (%) | 93 | 83 | 72 | 68 | 65 |

2.2.4. *L-assigurazzjonijiet soċjali statutorji u l-assigurazzjoni supplimentari tal-pensjoni għall-impjegati privati ta' Deutsche Post*

(65) L-impjegati privati huma membri obbligatorji ta' erba' skemi statutorji tal-assigurazzjoni soċjali: assigurazzjonijiet tal-pensjoni, tal-qgħad, tas-saħħa u tal-kura fit-tul ([21]). Meta mqabbla mar-reġim tal-impjegati taċ-ċivil, l-iskemi statutorji tal-assigurazzjoni soċjali joffru kopertura differenti għall-assigurazzjoni tal-pensjoni u għall-assigurazzjonijiet tas-saħħa u tal-kura fit-tul:

(a) il-livell tal-pensjoni mhuwiex iddefinit f'termini ta' perċentwali tal-aħħar salarju tax-xahar iżda f'termini ta' salarju medju tul il-ħajja;

(b) l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa u fit-tul huma koperti bis-sħiħ.

(66) Jeżistu wkoll differenzi importanti fil-finanzjament tal-benefiċċji soċjali meta mqabbla ma' dawk tal-impjegati taċ-ċivil:

(a) l-iskemi statutorji tal-assigurazzjoni soċjali huma ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet konġunti mill-impjegat u minn min iħaddem matul il-ħajja tax-xogħol tal-impjegat ("kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji");

(b) ir-rata tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja totali hija maqsuma formalment bejn sehem mill-impjegat u sehem minn min iħaddem, li t-tnejn ikopru madwar nofs it-total tar-rata tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja;

(c) min iħaddem għandu l-obbligu formali li jħallas ir-rata tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja totali għall-fondi tal-assigurazzjoni soċjali.

(67) L-Illustrazzjoni 3 hawn taħt tippreżenta r-rati tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja għall-impjegati privati għall-perjodu mill-1995 sal-1999.

([21]) Is-sitt parti tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali (*Sozialgesetzbuch, Sechstes Buch* (*SGB VI*)) tirregola l-assigurazzjoni tal-pensjonijiet; it-tielet parti tas-*Sozialgesetzbuch* (*SGB III*) tirregola l-assigurazzjoni tal-qgħad; il-ħames parti tas-*Sozialgesetzbuch* (*SGB V*) tirregola l-assigurazzjoni tas-saħħa; il-Liġi dwar il-kura fit-tul (*Gesetz zur sozialen Absicherung des Risikos der Pflegebedürftigkeit* (*Pflege-Versicherungsgesetz — PflegeVG*)) tas-26 ta' Mejju 1994 (BGBl. 1994,Parti I, Nru 30, p. 1014) u l-ħdax-il parti tas-*Sozialgesetzbuch* (*SGB XI*) jirregolaw l-assigurazzjoni tal-kura fit-tul.

*Illustrazzjoni 3*

**Rati tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja (f'perċentwali tal-paga gross tal-impjegati privati)**




| | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 |
|---|---|---|---|---|---|
| Assigurazzjoni tal-pensjoni | 18.60% | 19.20% | 20.30% | 20.30% | 19.50% |
| Assigurazzjoni tal-qgħad | 6.50% | 6.50% | 6.50% | 6.50% | 6.50% |
| Assigurazzjoni tal-kura fit-tul | 1.00% | 1.70% | 1.70% | 1.70% | 1.70% |
| Assigurazzjoni tas-saħħa | 13.15% | 13.48% | 13.58% | 13.62% | 13.60% |

(68) L-Illustrazzjoni 3 turi li r-rati tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja varjaw minn madwar 39 % sa 42 % tal-paga gross (paga gross = paga netta + sehem l-impjegat). Minħabba li s-sehem ta' min iħaddem u s-sehem tal-impjegat ikopru madwar nofs it-total tar-rata tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja, ir-rati tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja rispettivi tagħhom it-tnejn kienu jvarjaw minn madwar 19 % sa 21 % tal-paga gross.

(69) L-impjegati privati ta' Deutsche Post ibbenefikaw mhux biss mill-iskemi statutorji tal-assigurazzjoni soċjali iżda wkoll minn assigurazzjoni supplimentari tal-pensjoni. L-impjegati privati li bdew qabel l-1997 ġew offruti kopertura supplimentari tal-assigurazzjoni tal-pensjoni li kienet tippermettilhom jirċievu livell simili ta' pensjoni bħall-impjegati taċ-ċivil. Għalhekk, l-assigurazzjoni supplimentari tal-pensjoni kopriet id-differenza bejn il-pensjoni statutorja tal-assigurazzjoni soċjali tal-impjegati privati, li hija ugwali għal ċertu perċentwal tas-salarju medju tul il-ħajja, u l-pensjoni tal-impjegati taċ-ċivil, li hija ugwali għal ċertu perċentwal tal-aħħar salarju. Ir-regoli dettaljati huma stabbiliti fil-Karta tal-aġenzija tal-pensjoni supplimentari tas-servizz postali federali Ġermaniż (*Satzung der Versorgungsanstalt der Deutschen Bundespost*).

## 3. **IR-RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA**

(70) Fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-fatt li l-Istat kopra d-defiċit akkumulat sal-1999 — b'rabta mal-irtirar bikri ta' għadd konsiderevoli ta' impjegati taċ-ċivil ta' Deutsche Post bejn l-1995 u l-1999 — seta' ta vantaġġ lil Deutsche Post.

(71) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-investigazzjoni preliminari tagħha tal-miżura ma setgħetx tikkonferma l-konklużjoni li l-miżura ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(72) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ li fuq il-bażi tal-investigazzjoni preliminari tagħha, tqajmu dubji rigward il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern.

## 4. **KUMMENTI RILEVANTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

(73) Il-partijiet interessati ssottomettew kummenti dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, id-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2007 (li issa ġiet annullata) u d-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011 (li issa ġiet annullata).

(74) Din it-taqsima tiġbor fil-qosor il-kummenti li huma meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura inkwistjoni (jiġifieri l-miżura tal-pensjonijiet għall-perjodu mill-1995 sal-1999) u ma tirriflettix il-kummenti kollha li waslu matul investigazzjonijiet tal-passat dwar miżuri oħra u/jew il-miżura tal-pensjonijiet għall-perjodu ta' wara l-1999.

### 4.1. **Kummenti ta' partijiet terzi**

(75) Skont il-British Post Office ("il-Post Office"), it-teħid tal-obbligazzjonijiet tal-pensjoni, li DPAG ġarrbet bħala konsegwenza tal-irtirar kmieni ta' 25 % tal-persunal tagħha, huwa għajnuna mill-Istat. Il-Post Office jiddikjara li n-nuqqas fil-pensjonijiet missu ġie ffinanzjat mill-bejgħ ta' assi kummerċjali.

(76) Skont UPS, Deutsche Post ibbenefikat minn vantaġġ peress li nħellset parzjalment mill-obbligu ta' ħlas li kellha tissodisfa qabel l-1995. Billi l-operaturi normali jridu jġarrbu l-kostijiet tal-pensjonijiet tagħhom stess, Deutsche Post tpoġġiet f'pożizzjoni vantaġġjuża meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

(77) Fis-sottomissjoni tagħha tat-28 ta' Novembru 2019 (wara s-sentenza tal-2019 tal-Qorti Ġenerali li annullat id-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011), UPS targumenta li jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli bl-investigazzjoni tal-miżura tal-pensjonijiet u, b'mod aktar partikolari, jenħtieġ li tivvaluta l-miżura tal-pensjonijiet li tapplika l-ġurisprudenza *Orange* ([22]) (għall-kuntrarju tal-ġurisprudenza *Combus* ([23])). Barra minn hekk, UPS hija tal-fehma li anki fuq il-bażi tal-ġurisprudenza *Combus*, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tal-pensjonijiet kienet tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli.

### 4.2. **Kummenti tal-Ġermanja**

(78) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-kontribuzzjoni tal-Istat għall-Fond tal-Pensjonijiet kienet limitata għal dak li kien meħtieġ biex tikkumpensa żvantaġġ oġġettiv impost mill-Istat fuq DPAG.

([22]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ottubru 2016, *Orange* vs *Il-Kummisjoni*, C-211/15 P, ECLI:EU:C:2016:798.
([23]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2004, *Danske Busvognmænd* vs *Il-Kummissjoni*, T-157/01, ECLI:EU:T:2004:76

(79) Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-finanzjament tal-irtirar bikri tal-impjegati taċ-ċivil reklutati qabel il-privatizzazzjoni ta' DPAG baqa' obbligu bażiku tal-Istat fir-rigward tal-impjegati taċ-ċivil tiegħu. Għalhekk, il-koresponsabbiltà ta' DPAG għall-finanzjament tal-Fond tal-Pensjonijiet kienet tinvolvi kostijiet speċjali atipiċi. Il-kontribuzzjoni tal-Istat għall-obbligi tal-pensjonijiet paċiet parzjalment biss żvantaġġ oġġettiv li kien ġie impost qabel mill-Istat fuq DPAG. Għalhekk, il-Ġermanja tqis li ma hemm l-ebda vantaġġ għal DPAG u lanqas distorsjoni tal-kompetizzjoni jew tal-kummerċ meta l-Istat jagħmel kontribuzzjoni għall-Fond tal-Pensjonijiet.

(80) Fuq il-bażi tas-sentenza *Combus* ([24]), il-Ġermanja hija tal-opinjoni li, matul il-privatizzazzjoni ta' fornituri ta' servizzi universali li qabel kienu proprjetà tal-Istat, il-ħlas mill-Istat tal-kostijiet tal-pensjonijiet — li jmorru lil hinn mil-livell li normalment jieħdu l-kompetituri privati — ma jikkostitwixxix għajnuna. Il-Ġermanja tqis li jenħtieġ li jsir paragun bejn il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-impjegati taċ-ċivil ta' Deutsche Post u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali tal-kompetituri sabiex tiġi vvalutata l-eżistenza ta' għajnuna.

## 5. **VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA TAL-MIŻURA TAL-PENSJONIJIET**

(81) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, "kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(82) Miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (a) il-miżura tingħata mill-Istati Membri permezz ta' riżorsi tal-Istat, (b) tagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lil ċerti impriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, (c) il-vantaġġ ifixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni, u (d) il-miżura taffettwa l-kummerċ intra-UE.

(83) Billi l-miżura tal-pensjonijiet hija bbażata fuq l-Artikolu 16 PostPersG u ffinanzjata mill-baġit pubbliku, hija imputabbli lill-Istat u tingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Barra minn hekk, billi l-miżura tal-pensjonijiet ġiet implimentata biss biex teħles lil Deutsche Post minn parti mill-kostijiet tal-pensjonijiet tal-impjegati taċ-ċivil u, għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar tibbenefika lil Deutsche Post, din hija selettiva.

### 5.1. **L-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju**

#### 5.1.1. *Il-metodoloġija applikabbli għall-valutazzjoni tal-preżenza ta' vantaġġ*

(84) Fuq il-bażi tas-sentenza *Combus*, il-Ġermanja ssostni li l-miżura tal-pensjonijiet ma pprovdiet l-ebda vantaġġ finanzjarju għaliex ħelset lil Deutsche Post mill-kostijiet tal-pensjonijiet eċċessivi.

(85) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni ċaħdet id-dikjarazzjonijiet tal-Ġermanja li l-eżistenza ta' vantaġġ kellha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-ġurisprudenza *Combus*.

(86) Madankollu, wara l-annullament tad-Deċiżjoni tal-2012 u tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-2011, il-Kummissjoni tqis li s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi T-143/12 ([25]) u T-388/11 ([26]) jobbligaw lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 266 TFUE, tapplika l-ġurisprudenza *Combus* fir-rigward tal-miżura tal-pensjonijiet. Fil-fatt, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, "[l-istituzzjoni […] li l-att [tagħha] ikun ġie iddikjarat null jew li n-nuqqas [tagħha li taġixxi] jkun ġie iddikjarat kuntrarju għat-Trattati [għandha tkun marbuta li tieħu] l-miżuri neċessarji sabiex [tikkonforma ruħha] mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea".

(87) Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2016, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li "s-sempliċi affermazzjoni li l-ispejjeż ta' rtirar jagħmlu parti mill-infiq li normalment ikun ta' piż fuq il-baġit ta' impriża ma kinitx suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku reali favur Deutsche Post. Il-Kummissjoni, li kellha l-obbligu li tipprova l-imsemmi vantaġġ, ma għamlitx dan u għaldaqstant wettqet żball ta' liġi" ([27]).

([24]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2004, *Danske Busvognmænd* vs *Il-Kummissjoni*, T-157/01, ECLI:EU:T:2004:76, il-punt 57.
([25]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2016, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni*, T-143/12, ECLI:EU:T:2016:406.
([26]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2019, *Deutsche Post* vs *Il-Kummissjoni*, T-388/11, ECLI:EU:T:2019:237.
([27]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2016, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni*, T-143/12, ECLI:EU:T:2016:406, il-punt 154.

(88) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tivvaluta l-preżenza ta' vantaġġ għal Deutsche Post billi tapplika l-ġurisprudenza *Combus*. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li, kuntrarju għall-opinjoni espressa minn UPS, il-Kummissjoni hija obbligata tapplika l-ġurisprudenza *Combus* biex tivvaluta l-miżura tal-pensjonijiet u mhux tapplika l-ġurisprudenza *Orange* ([28]). B'mod aktar partikolari, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fatt li f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet waqqfet l-approċċ ġuridiku tagħha applikat f'*Combus* u li, konsegwentement, il-ġurisprudenza *Combus* jaf m'għadhiex applikabbli għal miżuri simili f'każijiet oħra, ma jixħitx f'dubju l-obbligu tal-Kummissjoni li tapplika l-metodoloġija *Combus* għall-miżura tal-pensjonijiet fil-każ preżenti f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE (ara l-premessa (86).

5.1.2. *Il-preżenza ta' vantaġġ f'dan il-każ*

(89) Fid-dawl tal-applikazzjoni tal-ġurisprudenza *Combus* f'dan il-każ, il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-Ġermanja, billi assumiet ir-responsabbiltà għad-differenza bejn is-somma f'daqqa stabbilita bejn l-1995 u l-1999 u l-ammont totali tal-kostijiet tal-pensjonijiet tal-ex impjegati taċ-ċivil ta' Deutsche Post, tatx vantaġġ ekonomiku lil Deutsche Post meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

(90) Il-Kummissjoni twettaq din l-analiżi fit-tliet passi li ġejjin sabiex tiddetermina l-eżistenza ta' vantaġġ:

(a) fl-ewwel pass, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-pagi ta' impriżi oħra fis-settur tal-posta/tal-pakketti;

(b) imbagħad tistabbilixxi l-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-pagi li Deutsche Post iġġarrab għall-impjegati taċ-ċivil tagħha;

(c) fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqabbel iż-żewġ livelli.

5.1.2.1. Il-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' impriżi oħra fis-settur tal-posta/tal-pakketti

5.1.2.1.1. Kalkolu tar-rata normattiva

(91) Il-kompetituri privati jridu jħallsu b'mod obbligatorju mid-dħul tagħhom kemm is-sehem ta' min iħaddem kif ukoll is-sehem tal-impjegat tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lill-Istat. Kif jidher fl-Illustrazzjoni 3, ir-rati totali tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja għall-perjodu mill-1995 sal-1999 kienu fil-medda ta' madwar 39 % sa 42 % tal-paga gross. Ir-rati tal-kontribuzzjoni soċjali obbligatorja rispettivi ta' min iħaddem u tal-impjegat it-tnejn kienu fil-medda ta' madwar 19 % sa 21 % tal-paga gross (ara l-premessa 68).

(92) Meta mqabbla mal-impjegati privati, l-impjegati taċ-ċivil ma jħallsux sehem mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fir-rigward tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, iżda, minflok, iridu jkopru bejn 30 % u 50 % tal-ispejjeż tagħhom tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul huma stess (notevolment billi jikkonkludu assigurazzjoni privata addizzjonali). Madankollu, wieħed jista' jassumi li, fl-effett ekonomiku tagħha, il-kontribuzzjoni tal-impjegati taċ-ċivil ta' 30 % sa 50 % għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul tagħhom tikkorrispondi fil-biċċa l-kbira tagħha għall-kontribuzzjoni tal-impjegati privati għall-iskemi statutorji tal-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul ([29]).

(93) Barra minn hekk, l-impjegati taċ-ċivil ma jagħtu l-ebda kontribuzzjoni għall-assigurazzjonijiet tagħhom tal-pensjoni u tal-qgħad. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni ta' Deutsche Post tmur lil hinn mis-sehem ta' min iħaddem fil-privat u tinkludi l-kost kollu tal-assigurazzjoni tal-pensjoni u tal-qgħad kif ukoll l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul li jifdal tal-impjegati taċ-ċivil.

(94) Għalhekk, ir-rata normattiva għall-kontribuzzjonijiet soċjali ta' Deutsche Post ("rata normattiva") trid tinkludi r-rati tal-kontribuzzjoni totali (rata tal-kontribuzzjoni totali = is-sehem ta' min iħaddem + is-sehem tal-impjegat) għall-assigurazzjonijiet tal-pensjoni u tal-qgħad u s-sehem ta' min iħaddem tal-assigurazzjonijiet tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

(95) Kif jidher fit-Tabella 1 ta' hawn taħt, ir-rata normattiva kienet bejn 32 % u 34,5 % tal-paga gross tal-impjegati privati għall-perjodu mill-1995 sal-1999.

([28]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ottubru 2016, *Orange* vs *Il-Kummisjoni*, C-211/15 P, ECLI:EU:C:2016:798.

([29]) Minħabba li s-sehem tal-impjegati taħt l-iskemi statutorji tal-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul għall-impjegati privati jikkorrispondi għal madwar nofs ir-rata totali tal-kontribuzzjoni (ara l-premessa 68)), wieħed jista' jassumi li l-kostijiet imġarrba mill-impjegati taċ-ċivil għal assigurazzjoni privata addizzjonali li tkopri bejn 30 % u 50 % huma fil-biċċa l-kbira ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-impjegati privati.

*Tabella 1*

**Rata normattiva tal-kontribuzzjoni soċjali ta' Deutsche Post**

*(%)*

| | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Sehem ta' min iħaddem** | **19,49** | **20,01** | **21,07** | **21,07** | **20,77** |
| Assigurazzjoni tas-saħħa | 6,44 | 6,48 | 6,82 | 6,82 | 6,82 |
| Assigurazzjoni tal-kura fit-tul | 0,50 | 0,68 | 0,85 | 0,85 | 0,85 |
| Assigurazzjoni tal-qgħad | 3,25 | 3,25 | 3,25 | 3,25 | 3,25 |
| Assigurazzjoni tal-pensjoni | 9,30 | 9,60 | 10,15 | 10,15 | 9,85 |
| **Sehem tal-impjegat** | **12,55** | **12,85** | **13,40** | **13,40** | **13,10** |
| Assigurazzjoni tal-qgħad | 3,25 | 3,25 | 3,25 | 3,25 | 3,25 |
| Assigurazzjoni tal-pensjoni | 9,30 | 9,60 | 10,15 | 10,15 | 9,85 |
| **Rata normattiva ta' Deutsche Post** | **32,04** | **32,86** | **34,47** | **34,47** | **33,87** |

5.1.2.1.2. Kalkolu tal-bażi tal-paga gross

(96) Billi l-livell tal-kontribuzzjonijiet soċjali li Deutsche Post trid iġġarrab għall-impjegati taċ-ċivil tagħha jenħtieġ li jkun ekwivalenti għal-livell tal-kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji, huwa importanti li Deutsche Post ma tkunx soġġetta biss għal rata ekwivalenti iżda wkoll li r-rata tiġi kkalkolata fuq bażi ta' paga gross ekwivalenti.

(97) Għalhekk, huwa meħtieġ li tinbena paga gross għall-impjegati taċ-ċivil ("paga gross tal-impjegati taċ-ċivil") li tipprovdi bażi ta' paga ekwivalenti għall-paga gross tal-impjegati privati.

(98) Huwa supponut li l-kontribuzzjonijiet tal-impjegati taċ-ċivil għall-ispejjeż tagħhom tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul huma daqs il-kontribuzzjonijiet tal-impjegati privati għall-iskemi statutorji tal-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-kura fit-tul (ara l-premessa 92). Għalhekk, f'dan ir-rigward ma huwa meħtieġ l-ebda aġġustament tal-bażi tal-pagi. Madankollu, billi l-impjegati taċ-ċivil ma jagħmlu l-ebda kontribuzzjoni għall-assigurazzjonijiet tal-pensjoni u tal-qgħad tagħhom (ara l-premessa 93), il-paga effettiva (jiġifieri l-kostijiet attwali tal-pagi) jenħtieġ li tiżdied billi jiġi applikat fattur li jqis is-sehem tal-impjegati privati mill-kontribuzzjonijiet għall-iskemi statutorji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni u tal-qgħad.

(99) Il-formula li ġejja tikkonverti l-paga effettiva f'paga gross li hija ekwivalenti għall-paga gross tal-impjegati privati:

$$paga\ gross\ tal-impjegati\ taċ-ċivil =$$

$$paga\ effettiva * \frac{100}{100-(sehem\ tal-impjegati\ privati\ tal-assigurazzjoni\ tal-pensjoni\ u\ tal-qgħad)}$$

(100) Il-formula li ġejja applikata għas-sena 1997 tkun twassal, pereżempju, għar-riżultat li ġej:

$$paga\ gross\ tal-impjegati\ taċ-ċivil =$$

$$paga\ effetiva * \frac{100}{(100-(3{,}25+10{,}15))} = pagi\ effettivi * 1{,}15$$

(101) Jekk wieħed jieħu, pereżempju, ir-rati tal-kontribuzzjoni tal-1997, il-paga gross tal-impjegati taċ-ċivil hija 15 % ogħla mill-paga effettiva tal-impjegati taċ-ċivil.

5.1.2.2. Stabbiliment tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-pagi gross imġarrba minn Deutsche Post għall-impjegati taċ-ċivil tagħha

5.1.2.2.1. Vantaġġ ibbażat fuq tqabbil mar-rata normattiva

(102) Skont l-Artikolu 16(1) PostPersRG, Deutsche Post kellha thallas kontribuzzjonijiet annwali ta' EUR 2,045 biljun lill-Fond tal-Pensjonijiet għall-perjodu mill-1995 sal-1999, li jammontaw għal EUR 10,225 biljun.

(103) Fuq dik il-bażi u fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa possibbli li jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-paga gross imġarrba minn Deutsche Post għall-perjodu mill-1995 sal-1999 u li dawn jitqabblu mar-rata normattiva stabbilita fil-premessa (97).

*Tabella 2*

**Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-pagi gross u r-rata normattiva ta' Deutsche Post**

| | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni ta' Deutsche Post għall-Fond tal-Pensjonijiet (f'biljuni ta' EUR) | 2,045 | 2,045 | 2,045 | 2,045 | 2,045 |
| Paga netta tal-impjegati taċ-ċivil (f'biljuni ta' EUR) | 3,522 | 2,992 | 2,712 | 2,581 | 2,288 |
| Il-pagi gross tal-impjegati taċ-ċivil (f'biljuni ta' EUR) | 4,050 | 3,441 | 3,119 | 2,968 | 2,631 |
| **Kontribuzzjoni ta' Deutsche Post f'% tal-pagi gross** | **50** | **59** | **66** | **69** | **78** |
| **Rata normattiva (%)** | **31,93** | **33,29** | **34,44** | **34,46** | **33,85** |

(104) Minn dak il-kalkolu, ma jidhirx li Deutsche Post ibbenefikat minn vantaġġ billi ħallset aktar mir-rata normattiva kkalkolata.

5.1.2.2.2. Vantaġġ ibbażat fuq tqabbil mar-rata normattiva filwaqt li jitqies l-impatt potenzjali tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet

(105) *Jenħtieġ li* jiġi nnotat li fil-premessi 332 sa 338 tad-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kkunsidrat li r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet ta' Deutsche Post kienet fattur rilevanti sabiex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-pagi gross li effettivament ħallset Deutsche Post u tiġi vvalutata l-proporzjonalità tal-miżura tal-pensjonijiet.

(106) Dan kien iġġustifikat mill-fatt li l-Artikolu 20(1) u (2) tal-Liġi dwar is-Servizzi Postali (*Postgesetz*) tat-22 ta' Diċembru 1997 ([30]) ("PostG") jippermetti lil Deutsche Post titlob li, meta r-Regolatur Postali jkun qed jistabbilixxi l-livell permess ta' dħul mid-dritt esklużiv u mis-servizzi rregolati, dan jinkludi fil-kostijiet li għandhom jiġu rkuprati mill-konsumaturi "piż soċjali żejjed" kif ukoll il-kostijiet għall-provvista effiċjenti tas-servizz universali.

(107) Ir-Regolatur Postali aċċetta dan l-approċċ għall-ewwel darba fid-deċiżjoni tal-2002 dwar il-limitu massimu fuq il-prezzijiet (applikat mill-1 ta' Jannar 2003) u approva wkoll il-"piż soċjali żejjed" fid-deċiżjonijiet tal-2007 u tal-2011 dwar il-limitu massimu fuq il-prezzijiet. Il-Kummissjoni kkunsidrat li mil-lat ekonomiku, dan wassal biex Deutsche Post iġġarrab b'mod effettiv rati ta' kontribuzzjoni aktar baxxi għall-kostijiet soċjali mill-kontribuzzjoni apparenti tagħha għall-Fond tal-Pensjonijiet. Fuq il-bażi ta' din il-kunsiderazzjoni, fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi u tikkwantifika l-ammont ta' għajnuna inkompatibbli li kellha tiġi rkuprata għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-mument meta l-vantaġġ komparattiv ġie fi tmiemu.

([30]) BGBl. 1997, Parti I, Nru 88, p. 3294.

(108) Fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni u, għalhekk, tal-valutazzjoni tal-miżura tal-pensjonijiet għall-perjodu mill-1995 sal-1999, jista' jiġi diskuss jekk fil-valutazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ taħt il-metodoloġija *Combus*, l-impatt potenzjali tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet ta' Deutsche Post jenħtieġx li jiġi kkunsidrat meta jiġi ddeterminat il-vantaġġ potenzjali mogħti lill-operatur permezz tal-miżura tal-pensjonijiet.

(109) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li, fi kwalunkwe każ, l-impatt potenzjali tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet mhuwiex rilevanti fir-rigward tal-ambitu temporali tal-miżura li qed tiġi vvalutata fid-Deċiżjoni preżenti, jiġifieri l-perjodu mill-1995 sal-1999.

(110) Tabilħaqq, kif osservat il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2012, l-ewwel deċiżjoni dwar il-limitu massimu fuq il-prezzijiet tar-Regolatur Postali li qieset "piż soċjali żejjed" kif stipulat f'PostG, ittieħdet biss fl-2002 għall-perjodu mill-2003 sal-2007 ([31]). B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni kkunsidrat fir-rigward tal-perjodu ta' qabel l-2003 li ma setax jiġi dedott b'ċertezza mill-bażi ġuridika għall-prezzijiet irregolati fis-seħħ matul il-perjodu mill-1995 sal-2002 kif l-awtoritajiet kompetenti ddeċidew il-kompożizzjoni tal-prezzijiet irregolati fuq bażi *ex-ante* ([32]). F'dan l-isfond, il-Kummissjoni spjegat li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe element riżervat tat-tariffa għall-kostijiet soċjali, ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat il-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-pagi grossi u b'kunsiderazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet ta' Deutsche Post ([33]). Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, fid-Deċiżjoni tal-2012 il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx tistabbilixxi u tikkwantifika l-ammont ta' għajnuna inkompatibbli għall-perjodu mill-1995 sal-2002 ([34]).

(111) Għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess mod fil-valutazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ skont il-metodoloġija *Combus*, jiġifieri l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva deskritt fil-premessa (90). Billi, minkejja l-aħjar sforzi tagħha, il-Kummissjoni ma tistax tikkwantifika l-impatt potenzjali tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet fuq il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bbażati fuq il-pagi gross imġarrba minn Deutsche Post għall-impjegati taċ-ċivil tagħha, hija ma tistax tistabbilixxi l-eżistenza ta' vantaġġ fuq dik il-bażi.

### 5.2. **Konklużjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ finanzjarju**

(112) Minn dan ta' hawn fuq jirriżulta li, jekk il-Kummissjoni tillimita ruħha għal paragun dirett tal-kontribuzzjonijiet ta' Deutsche Post għall-Fond tal-Pensjonijiet u r-rata normattiva rilevanti, ma jistax jinstab vantaġġ għal Deutsche Post. Barra minn hekk, anki li kieku l-Kummissjoni kellha tkabbar il-valutazzjoni tagħha biex tikkunsidra l-impatt potenzjali tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet ta' Deutsche Post — jekk dan ikun iġġustifikat — xorta ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat, ikkwantifikat u jintrabat mal-miżura tal-pensjonijiet vantaġġ preċiż għall-perjodu mill-1995 sal-1999.

(113) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li ma tistax tistabbilixxi li l-miżura tal-pensjonijiet, implimentata għall-perjodu mill-1995 sal-1999 għal Deutsche Post, tat vantaġġ lill-operatur fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Minħabba li l-eżistenza ta' vantaġġ, li hija waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi għall-eżistenza ta' għajnuna, ma tistax tiġi stabbilita, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tal-pensjonijiet ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat.

## 6. **KONKLUŻJONI**

(114) Il-Kummissjoni ssib li l-miżura tal-pensjonijiet implimentata mill-Ġermanja għall-perjodu mill-1995 sal-1999 ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżura tal-pensjonijiet li l-Ġermanja implimentat favur Deutsche Post għall-perjodu mill-1995 sal-1999 ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

([31]) Id-Deċiżjoni 2012/636/UE, il-premessa 332.
([32]) *Ibid.*, il-premessa 329.
([33]) *Ibid.*, il-premessa 329.
([34]) *Ibid.*, il-premessa 408.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta’ Frar 2020.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Viċi President Eżekuttiv*

**DEĊIŻJONI (UE) 2020/614 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tat-30 ta' April 2020**

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2020/25)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 2.1, it-tieni inċiż tal-Artikolu 18.1 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) ([1]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1(4) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), il-Kunsill Governattiv jista', f'kull ħin, ibiddel l-għodod, l-istrumenti, ir-rekwiżiti, il-kriterji u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(2) Din id-Deċiżjoni pprovdiet għat-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs-III) li għandhom jitwettqu fuq il-perjodu ta' bejn Settembru 2019 u Marzu 2021.

(3) Fil-12 ta' Marzu 2020, sabiex jappoġġja s-self bankarju lil dawk l-aktar affettwati mit-tifrix tal-marda tal-coronavirus (COVID-19), b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jbiddel ċerti parametri ewlenin tat-TLTRO-III. Fit-16 ta' Marzu 2020, il-Kunsill Governattiv adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/407 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/13) ([2]) sabiex jimplimenta xi wħud minn dawn it-tibdiliet. Din id-Deċiżjoni hija meħtieġa sabiex jiġu implimentati t-tibdiliet addizzjonali deċiżi mill-Kunsill Governattiv, b'mod partikolari sabiex jiġi pprovdut għal tnaqqis temporanju fir-rati tal-imgħax applikati għat-TLTROs-III kollha u sabiex jitnaqqas il-limitu tal-prestazzjoni tas-self taħt ċerti kundizzjonijiet.

(4) Fir-rigward tad-deċiżjoni biex jitbaxxa l-livell limitu tal-prestazzjoni tas-self, il-Kunsill Governattiv, fit-12 ta' Marzu 2020, iddeċieda li għandu jitnaqqas għal 0% fir-rigward tal-perjodu bejn l-1 ta' April 2020 u l-31 ta' Marzu 2021. Sabiex jitqies ukoll il-kreditu diġà pprovdut mill-banek mill-bidu tal-kriżi tal-marda tal-coronavajrus (COVID-19) fl-Ewropa, id-data tal-bidu ta' dak il-perjodu qed titmexxa għall-1 ta' Marzu 2020, hekk kif ġie deċiż fit-30 ta' April 2020, filwaqt li d-data tat-tmiem ser tibqa' l-istess fil-31 ta' Marzu 2021. Barra minnhekk, biex tkopri t-tnaqqis mistenni fis-self mill-banek mill-1 ta' Marzu 2020, id-devjazzjoni mill-kriterju ta' referenza ta' ammont pendenti biex jinkiseb l-iskont massimu permezz tal-kriterji tal-prestazzjoni tas-self preċedenti hija mnaqqsa għal 1.15% minn 2.5%.

(5) Barra minn hekk, nhar it-30 ta' April 2020, sabiex jingħata aktar appoġġ lill-għoti ta' kreditu lil unitajiet domestiċi u lil ditti f'dan iż-żmien ta' tfixkil ekonomiku u inċertezza kbira prevalenti, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jipprovdi tnaqqis temporanju addizzjonali fir-rati tal-imgħax applikati għat-TLTROs-III kollha taħt ċerti kundizzjonijiet.

([1]) ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3.

([2]) Deċiżjoni (UE) 2020/407 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2020/13) (ĠU L 80, 17.3.2020, p. 23).

(6) Sabiex dawn il-parametri aġġustati jiġu applikati b'effett immedjat, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) Nru 2019/1311 (BĊE/2019/21) tkun emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 (BĊE/2019/21) hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej;

(a) id-definizzjonijiet li ġejjin huma ssostitwiti:

"(1) 'punt ta' riferiment ta' tislif nett' tfisser l-ammont ta' tislif nett eliġibbli li parteċipant jeħtieġ li jaqbeż fit-tieni perjodu ta' referenza u, b'mod fakultattiv, fil-perjodu ta' referenza speċjali, sabiex jikkwalifika għal rata tal-imgħax fuq is-self tal-parteċipant li tkun aktar baxxa mir-rata inizjali applikata u li hija kkalkolata f'konformità mal-prinċipji u mad-dispożizzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness I, rispettivament";

"(12) 'aġġustament tal-inċentiv tar-rata tal-imgħax' tfisser it-tnaqqis, jekk ikun hemm, fir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għall-ammonti meħuda b'self taħt it-TLTROs-III, espressa bħala frazzjoni tad-differenza medja bejn ir-rata tal-imgħax massima possibbli rilevanti u r-rata tal-imgħax minima possibbli rilevanti, kif ikkalkulata f'konformità mad-dispożizzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-Anness I";

(b) jiżdiedu d-definizzjonijiet li ġejjin:

"(23) 'il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva' tfisser il-perjodu mid-data tal-ħlas tat-TLTRO-III rispettiv sat-23 ta' Ġunju 2020 u l-perjodu mill-24 ta' Ġunju 2021 sad-data ta' maturità tiegħu jew sad-data tal-ħlas lura bikri, kif ikun applikabbli, sabiex b'hekk jiġi eskluż il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali;

(24) 'perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali' tfisser il-perjodu mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2021;

(25) 'perjodu ta' referenza speċjali' tfisser il-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Marzu 2021."

2. L-Artikolu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

**Imgħax**

1. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħuda b'self taħt kull TLTRO-III minn parteċipanti li s-self nett eliġibbli tagħhom matul il-perjodu ta' referenza speċjali jkun daqs jew jaqbeż il-punt ta' riferiment ta' tislif nett għandha tiġi kkalkolata kif ġej, soġġetta għall-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(3a):

(a) matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata medja tal-imgħax fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi. Ir-rata tal-imgħax riżultanti m'għandhiex tkun, fi kwalunkwe każ, ogħla minn *minus* 100 punt bażi; u

(b) matul il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata medja tal-imgħax fuq il-faċilità ta' depożitu tul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva.

2. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħudin b'self taħt kull TLTRO-III minn parteċipanti li s-self nett eliġibbli tagħhom matul il-perjodu ta' referenza ikun anqas mill-punt ta' riferiment tat-tislif nett tagħhom iżda li s-self nett eliġibbli tagħhom matul il-perjodu ta' referenza speċjali jaqbeż il-punt ta' riferiment tat-tislif nett għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(a) matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun l-anqas waħda mir-rati li ġejjin: (i) ir-rata medja tal-imgħax fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi; u (ii) ir-rata tal-imgħax ikkalkolata skont id-devjazzjoni mill-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti, bħal fil-punt (b); u

(b) matul il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, ir-rata tal-imgħax għandha tkun anqas mir-rata medja tal-imgħax fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva u tista' tkun baxxa daqs ir-rata medja tal-imgħax fuq il-faċilità ta' depożitu tul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, skont id-devjazzjoni mill-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti.

3. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħudin b'self taħt kull TLTRO-III minn parteċipanti li s-self nett eliġibbli tagħhom, kemm matul il-perjodu ta' referenza speċjali u anki matul it-tieni perjodu ta' referenza, ikun anqas mill-punt ta' riferiment tat-tislif nett tagħhom għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(a) matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata medja tal-imgħax fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi; u

(b) matul il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata medja tal-imgħax fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament tul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva."

4. Aktar dettalji dwar il-kalkoli tar-rati tal-imgħax huma stabbiliti fl-Anness I. Ir-rata tal-imgħax finali u d-*data* rilevenati dwar il-kalkolu tagħha, għandhom jiġu kkomunikati lill-parteċipanti f'konformità mal-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-III ippubblikat fuq is-sit web tal-BĊE.

5. L-imgħax għandu jitħallas bl-arretrati mal-maturazzjoni ta' kull TLTRO-III jew mal-ħlas lura bikri kif previst fl-Artikolu 5a, skont kif ikun applikabbli.

6. Jekk, minħabba l-eżerċitar ta' rimedji disponibbli għal BĊN skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji tiegħu, parteċipant ikun meħtieġ li jħallas lura l-ammonti pendenti tat-TLTRO-III qabel ma tiġi kkomunikata d-devjazzjoni mill-punt ta' riferiment ta' ammont pendenti u l-aġġustament tal-inċentiv tar-rata tal-imgħax riżultanti, jekk ikun hemm, lil dak il-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt kull TLTRO-III għandha tiġi stabbilita: (a) għall-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata medja tal-imgħax fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi; u (b) għall-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, ir-rata medja fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament fuq il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva sad-data li fiha kien meħtieġ li jsir il-ħlas lura mill-BĊN. Jekk dak il-ħlas lura jkun meħtieġ wara d-devjazzjoni mill-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti u l-aġġustament tal-inċentiv tar-rata tal-imgħax riżultanti, jekk ikun hemm, ikunu ġew ikkomunikati lill-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt kull TLTRO-III għandha tiġi ffissata f'konformità mal-paragrafi 1 sa 3.".

3. L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej;

(a) il-paragrafu 1(b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) *data* relatata ma' (i) it-tieni perjodu ta' referenza u, (ii) b'mod fakultattiv, mal-perjodu ta' referenza speċjali, għall-finijiet li jiġu ddeterminati r-rati tal-imgħax applikabbli (aktar 'il quddiem imsejjaħ it-"tieni rapport").";

(b) jiżdied il-paragrafu 3a:

"3a. Il-parteċipanti li jkollhom il-ħsieb li jibbenefikaw mir-rati tal-imgħax stabbiliti fl-Artikolu 5(1) għandhom jeżerċitaw din l-għażla billi jipprovdu separatament, fit-tieni rapport, id-*data* dwar il-perjodu ta' referenza speċjali, kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-awditur ta' din id-*data* skont l-Artikolu 6(6)(b). Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfatti, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti meħuda b'self mill-parteċipanti għandha tiġi kkalkolata skont l-Artikolu 5(2) jew (3). L-ebda sanzjoni għandha tapplika għan-nuqqas ta' trażmissjoni tad-*data* dwar il-perjodu ta' referenza speċjali u/jew ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-awdituri rispettivi tagħha";

(c) l-ewwel subparagrafu tal-punt 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"6. Kull parteċipant għandu jiżgura li l-kwalità tad-*data* sottomessa skont il-paragrafi 1 sa 3a tiġi vvalutata minn awditur estern f'konformità mar-regoli li ġejjin:";

(d) l-ewwel subparagrafu tal-punt (c) tal-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-valutazzjonijiet tal-awditur għandhom jiffokaw fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3a u 4. B'mod partikolari, l-awditur għandu:".

4. Fl-Artikolu 7(1), il-punti (b), (d) u (e) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“(b) Jekk parteċipant jonqos milli jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-BĊN relevanti r-riżultati tal-valutazzjoni tal-awditur tal-ewwel rapport sal-iskadenza relevanti speċifikata fil-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-III ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BĊE, il-parteċipant għandu jħallas lura l-ammonti kollha pendenti meħuda b'self taħt it-TLTRO-III fid-data ta' saldu tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament li jmiss bir-rata medja fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament matul il-ħajja ta' kull TLTRO-III rispettiv sad-data ta' saldu tal-ħlas lura, ħlief matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali, li fih r-rata medja fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament tul tali perjodu nieqes 50 punt bażi għandha tapplika.

(d) Jekk parteċipant jonqos milli jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-BĊN relevanti r-riżultati tal-valutazzjoni tal-awditur ta' *data* dwar it-tieni perjodu ta' referenza fit-tieni rapport sal-iskadenza relevanti, ir-rata medja fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament matul il-ħajja ta' kull TLTRO-III rispettiv għandha tapplika għall-ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III, ħlief matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali, li fih r-rata medja fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament tul tali perjodu nieqes 50 punt bażi għandha tapplika.

(e) Jekk parteċipant jonqos milli b'mod ieħor jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(6) jew (7), ir-rata medja fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament matul il-ħajja ta' kull TLTRO-III rispettiv għandha tapplika għall-ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III, ħlief matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali, li fih ir-rata medja fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament tul tali perjodu nieqes 50 punt bażi għandha tapplika.”

5. L-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-30 ta' April 2020.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*
*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

*ANNESS*

L-Annessi I, II u t-tabella B ta' rapportar tat-TLTRO-III huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima 3 hija ssostitwita b'din li ġejja:

"'3. **Kalkolu tar-rata tal-imgħax**

A. Ħalli $NL_{Speċjali}$ tindika l-ammont ta' tislif nett eliġibbli matul il-perjodu ta' referenza speċjali mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Marzu 2021.

$$NL_{Speċjali} = NL_{Mar2020} + \cdots + NL_{Mar2021}$$

B. Ħalli $NS_{Mar2021}$ tindika l-ammont miksub billi jingħaddu flimkien it-tislif nett eliġibbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2019 u l-31 ta' Marzu 2021 u l-ammont pendenti ta' tislif eliġibbli sal-31 ta' Marzu 2019; dan huwa kkalkolat bħala:

$$NS_{Mar2021} = OL_{Mar2019} + NL_{Apr2019} + \cdots + NL_{Mar2021}.$$

Indika issa permezz ta' $EX$ id-devjazzjoni perċentwali ta' $NS_{Mar2021}$ mill-punt ta' riferiment ta' ammont pendenti matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2019 u l-31 ta' Marzu 2021, jiġifieri,

$$EX = \frac{(NS_{Mar2021} - OAB)}{OAB} \times 100$$

*EX* titqarreb sal-eqreb 15-il pożizzjoni deċimali. Fejn *OAB* huwa żero, *EX* jitqies daqs 1.15.

C. Ħalli $\overline{MRO}_k$ tkun il-medja tar-rata tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament (MRO) applikabbli tul il-ħajja tat-TLTRO-III $k$ u espressa bħala rata perċentwali annwali u ħalli $\overline{DF}_k$ tkun il-medja tar-rata tal-faċilità ta' depożitu (DF) applikabbli tul il-ħajja tat-TLTRO-III *k*, fejn ir-rata tal-imgħax applikabbli tirreferi għall-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, u espressa bħala rata perċentwali annwali, jiġifieri:

$$\overline{MRO}_k = \frac{1}{n_k}\sum_{t=1}^{n_k} MRO_{k,t}$$

$$\overline{DF}_k = \frac{1}{n_k}\sum_{t=1}^{n_k} DF_{k,t}$$

Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $n_k$(għal k=1,…,7) tindika n-numru ta' jiem tat-TLTRO-III *k* u fejn l-MRO ssir taħt reġim ta' allokazzjoni sħiħa b'rata fissa $MRO_{k,t}$ tindika r-rata applikata għall-MRO fil-ġurnata *t* tat-TLTRO-III *k*, jew, fejn l-MRO ssir taħt proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli, $MRO_{k,t}$ tindika r-rata minima tal-offerta applikata għall-MRO fil-ġurnata *t* tat-TLTRO-III *k*, u f'kull każ tiġi espressa bħala rata perċentwali annwali. Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $DF_{k,t}$ tindika r-rata applikata għall-faċilità ta' depożitu fil-ġurnata *t* tat-TLTRO-III *k*, u espressa bħala rata perċentwali annwali.

D. Ħalli $k_{speċjali}$ tfisser li l-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali jkun il-perjodu mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2021, *u* $k_{rol}$ tindika ż-żewġ perjodi li jikkostitwixxu l-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III *k* rispettiva (b'referenza għall-perjodu mid-data ta' ħlas tat-TLTRO-III rispettiva sat-23 ta' Ġunju 2020 u l-perjodu mill-24 ta' Ġunju 2021 sal-maturità tat-TLTRO-III rispettiva jew sad-data tal-ħlas lura bikri tagħha, skont kif ikun applikabbli).

Ħalli $\overline{MRO}_{k_{speċjali}}$ tkun il-medja tar-rata tal-MRO applikabbli matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2021 tat-TLTRO-III *k* espressa bħala rata perċentwali annwali u ħalli $\overline{DF}_{k_{speċjali}}$ tkun il-medja tar-rata DF applikabbli matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2021 tat-TLTRO-III *k* u f'kull każ espress bħala rata perċentwali annwali, jiġifieri:

$$\overline{MRO}_{k_{speċjali}} = \frac{1}{n_{k_{speċjali}}}\sum_{t=1}^{n_{k_j}} MRO_{k_{speċjali},t}$$

$$\overline{DF}_{k_{speċjali}} = \frac{1}{n_{k_{speċjali}}} \sum_{t=1}^{n_{k_j}} DF_{k_{speċjali},t}$$

Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $n_{k_{speċjali}}$ tindika n-numru ta' jiem tal-perjodu $k_{speċjali}$ tat-TLTRO-III *k* u, fejn l-MRO ssir taħt reġim ta' allokazzjoni sħiħa b'rata fissa $MRO_{k_{speċjali},t}$ tindika r-rata applikata għall-MRO fil-ġurnata *t* tal-perjodu $k_{speċjali}$ tat-TLTRO-III *k*, jew, fejn l-MRO ssir taħt proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli, $MRO_{k_{speċjali},t}$ tindika r-rata minima tal-offerta applikata għall-MRO fil-ġurnata *t* tal-perjodu $k_{speċjali}$ tat-TLTRO-III *k*, u f'kull każ tiġi espressa bħala rata perċentwali annwali. Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $DF_{k_{speċjali},t}$ tindika r-rata applikata għall-faċilità ta' depożitu fil-ġurnata *t* tal-perjodu $k_j$ tat-TLTRO-III *k*, u espressa bħala rata perċentwali annwali.

E. Ħalli l-aġġustament tal-inċentiv tar-rata tal-imgħax, fejn applikabbli, imkejjel bħala frazzjoni tal-kuritur medju bejn $iri$ u $\overline{MRO}_k$, jiġi indikat $\overline{DF}_k$;

F. Ħalli r-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għall-ħajja sħiħa tat-TLTRO-III *k* (rata tal-imgħax finali), espressa bħala rata perċentwali annwali, tkun indikata $r_k$. Ħalli r-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal perjodu $k_j$, b'*j = speċjali* jew *rol*, ta' TLTRO-III *k*, espressa bħala rata perċentwali annwali, tkun indikata $r_{k_j}$.

G. Ir-rata tal-imgħax $r_k$ hija ddefinita bħala:

$$r_k = \frac{n_{k_{speċjali}}}{n_k} r_{k_{speċjali}} + \frac{n_{k_{rol}}}{n_k} r_{k_{rol}} .$$

Fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq $n_{k_{rol}}$ jindika n-numru ta' ġranet tal-perjodu $k_{rol}$ tat-TLTRO-III *k*.

Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal kull TLTRO-III *k* hija kkalkolata kif ġej:

a) Jekk parteċipant ikun daqs jew jaqbeż il-punt ta' riferiment tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tal-faċilità ta' depożitu matul dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż *minus* 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{Speċjali} \geq$ NLB, mela $r_{k_{speċjali}} = min(\overline{DF}_{k_{speċjali}} - 0.50, -1)$;

(ii) matul il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva: il-medja tar-rata tal-faċilità ta' depożitu tul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, jiġifieri:

jekk $NL_{Speċjali} \geq$ NLB, mela $r_{k_{rol}} = \overline{DF}_k$.

b) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-punt ta' riferiment tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali iżda jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti ta' self eliġibbli matul it-tieni perjodu ta' referenza b'tal-anqas 1.15 %, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali: l-anqas mill-medja tar-rata tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u l-medja tar-rata tal-faċilità ta' depożitu tul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, jiġifieri:

jekk $NL_{Speċjali} <$ NLB u $EX \geq 1.15$, mela $iri = 100$ % u $r_{k_{speċjali}} = \min(\overline{MRO}_{k_{speċjali}} - 0.50, \overline{DF}_k)$;

(ii) matul il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva: il-medja tar-rata tal-faċilità ta' depożitu tul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, jiġifieri:

jekk $NL_{Speċjali} <$ NLB u $EX \geq 1.15$, mela $iri = 100$ % u $r_{k_{rol}} = \overline{DF}_k$

c) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-punt ta' riferiment tat-tislif nett fil-perjodu ta' referenza speċjali iżda jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti ta' self eliġibbli matul it-tieni perjodu ta' referenza b'anqas minn 1.15 %, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali: l-aktar rata baxxa bejn il-medja tar-rata tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament fuq dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi u r-rata tal-imgħax ikkalkolata skont il-punt (ii) ta' hawn taħt, jiġifieri:

jekk $NL_{Speċjali}$ < NLB u $0 < EX < 1.15$, mela $iri = \frac{EX}{1.15}$ u

$$r_{k_{speċjali}} = \min\left(\overline{MRO}_{k_{speċjali}} - 0.50, \overline{MRO}_k - (\overline{MRO}_k - \overline{DF}_k) \times iri\right);$$

(ii) matul il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva: ir-rata tal-imgħax li hija ggradata b'mod lineari skont il-perċentwali li bih il-parteċipant jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti tiegħu, jiġifieri,

jekk $NL_{Speċjali}$ < NLB u $0 < EX < 1.15$, mela $iri = \frac{EX}{1.15}$ and

$$r_{k_{rol}} = \overline{MRO}_k - (\overline{MRO}_k - \overline{DF}_k) \times iri;$$

(d) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-punt ta' riferiment tat-tislif nett fil-perjodu ta' referenza speċjali u lanqas ma jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti fit-tieni perijodu ta' referenza, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament fuq dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{Speċjali}$ < NLB u $EX \leq 0$, then $r_{k_{speċjali}} = \overline{MRO}_{k_{speċjali}} - 0.50$;

(ii) matul il-bqija tal-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva: il-medja tar-rata tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament tul il-ħajja tat-TLTRO-III rispettiva, jiġifieri:

jekk $NL_{Speċjali}$ < NLB u $EX \leq 0$, mela $iri = 0$ %u $r_{k_{rol}} = \overline{MRO}_k$

L-aġġustament tal-inċentiv tar-rata tal-imgħax ($iri$) jiġi espress bi tqarrib sa 15-il pożizzjoni deċimali.

Ir-rati tal-imgħax $r_{k_{speċjali}}$ u $r_{k_{rol}}$ jiġu espressi bi tqarrib sa 15-il pożizzjoni deċimali.

Ir-rata tal-imgħax finali $r_k$ tiġi espressa bħala rata perċentwali annwali, imqarrba sar-raba' pożizzjoni deċimali."

2. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima 2, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

"Fil-każ li l-parteċipanti jkollhom l-intenzjoni li jibbenefikaw mir-rati tal-imgħax stabbiliti fl-Artikolu 5(1), it-tieni rapport għandu jkopri wkoll *data* relatata mal-perjodu ta' referenza speċjali fuq bażi simili għar-rekwiżiti għat-tieni perjodu ta' referenza.";

(b) fit-Taqsima 2, it-tieni paragrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Fir-rigward tal-użu tal-informazzjoni miġbura, għandha tintuża *data* dwar l-ammont pendenti ta' referenza sabiex jiġi ddeterminat il-limitu fuq is-self. Barra minn hekk, id-*data* dwar it-tislif nett eliġibbli matul l-ewwel perjodu ta' referenza tintuża għall-kalkolu tal-punt ta' riferiment ta' tislif nett u tal-ammont pendenti ta' referenza. Sadanittant, id-*data* dwar it-tislif nett eliġibbli matul it-tieni perjodu ta' referenza u, jekk applikabbli, il-perjodu ta' referenza speċjali, tintuża sabiex jiġu vvalutati l-iżviluppi fit-tislif u, konsegwentement, ir-rati tal-imgħax applikabbli. L-indikaturi l-oħra kollha huma meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konsistenza interna tal-informazzjoni u l-konsistenza tagħha mad-*data* statistika miġbura fl-Eurosistema, kif ukoll għal monitoraġġ fil-fond tal-impatt tal-programm tat-TLTRO-III.";

(c) fit-Taqsima 3, it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"– It-tieni rapport jeħtieġ il-mudell tad-*data* B komplut għat-"tieni perjodu ta' referenza", jiġifieri mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2021, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tislif nett eliġibbli u l-paraguni mal-punti ta' riferiment li fuqhom huma bbażati r-rati tal-imgħax applikabbli.

– Il-parteċipanti li jkollhom l-intenzjoni li jibbenefikaw mir-rati tal-imgħax stabbiliti fl-Artikolu 5(1) jeħtiġilhom jipprovdu, barra minn dan, il-mudell tad-*data* B komplut għall-"perjodu ta' referenza speċjali", jiġifieri mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Marzu 2021, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tislif nett eliġibbli u l-paraguni mal-punt ta' riferiment ta' tislif nett li fuqu huma bbażati r-rati tal-imgħax aktar baxxi.";

(d) fit-Taqsima 3, it-tielet paragrafu tal-punt (a) hwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Fil-Mudell B, l-indikaturi marbutin ma' ammonti pendenti jridu jiġu rrapportati kif kienu fi tmiem ix-xahar ta' qabel ma beda l-perijodu tar-rapportar u fi tmiem il-perjodu tar-rapportar; għalhekk, għall-ewwel perjodu ta' referenza ammonti pendenti għandhom jiġu rrapportati kif huma fil-31 ta' Marzu 2018 u fil-31 ta' Marzu 2019; għat-tieni perijodu ta' referenza l-ammonti pendenti jridu jiġu rrapportati kif huma fil-31 ta' Marzu 2019 u l-31 ta' Marzu 2021; għall-perjodu ta' referenza speċjali l-ammonti pendenti jridu jiġu rrapportati kif ikunu fid-29 ta' Frar 2020 u fil-31 ta' Marzu 2021. Min-naħa tagħha, id-*data* fuq tranżazzjonijiet u aġġustamenti trid tkopri l-effetti relevanti kollha li jseħħu matul il-perjodu tar-rapportar."

(e) Il-mudell B tar-rapportar tat-TLTRO-III huwa ssostitwit bil-mudell B li ġej.

# "TLTRO-III mudell tar-rapportar B

**Perijodu ta' rapportar:** L-1 ta' April 2018 sal-31 ta' Marzu 2019 (l-ewwel perijodu ta' referenza) / l-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2021 (it-tieni perijodu ta' referenza) / b'mod fakultattiv: l-1 ta' Marzu dal-31 ta' Marzu 2020 (perjodu ta' referenza speċjali)

**Self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi, bl-esklużjoni ta' self lil unitajiet domestiċi għax-xiri tad-djar (EUR eluf)**

| | | Self lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Self lil unitajiet domestiċi (inklużi istituzzjonijiet mhux għal skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi), bl-esklużjoni ta' self għal xiri ta' djar | partita | formula | validazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Aggregati ewlenin** | | | | | | |
| **1** | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tax-xahar qabel il-bidu tal-perijodu ta' rapportar** | 0 | 0 | 1 | **1 = 1.1 - 1.2 (+1.3)** | |
| **2** | **Self nett eliġibbli fil-perijodu ta' rapportar** | 0 | 0 | 2 | **2 = 2.1 - 2.2** | |
| **3** | **Aġġustament għall-ammonti pendenti: tnaqqis (-) u żidiet (+)** | 0 | 0 | 3 | 3 = 3.1 + 3.2 | |
| **4** | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tal-perijodu ta' rapportar** | 0 | 0 | 4 | **4 = 4.1 - 4.2 (+4.3)** | **4 = 1 + 2 + 3** |
| **Partiti sottostanti** | | | | | | |
| | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tax-xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' rapportar** | | | | | |
| 1.1 | Ammonti pendenti fuq il-karta tal-bilanċ | | | 1.1 | | |
| 1.2 | L-ammonti pendenti ta' self li huwa titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor iżda mhux dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ | | | 1.2 | | |
| 1.3 | Provvedimenti pendenti kontra self rapportat fil-partita 1.1 eskluż 1.2 * | | | 1.3 | | |
| | **Self nett eliġibbli fil-perjodu ta' rapportar** | | | | | |
| 2.1 | Self gross | | | 2.1 | | |
| 2.2 | Ħlasijiet lura | | | 2.2 | | |
| | **Aġġustament għall-ammonti pendenti: tnaqqis (-) u żidiet (+)** | | | | | |
| 3.1 | Bejgħ u xiri ta' self u trasferimenti ta' self oħrajn matul il-perjodu tar-rapportar | 0 | 0 | 3.1 | 3.1 = 3.1A + 3.1B + 3.1C | |
| 3.1A | Flussi netti ta' self li huwa titolizzat b'impatt fuq l-istokks tas-self | | | 3.1A | | |
| 3.1B | Flussi netti ta' self li huwa ttrasferit b'xi mod ieħor b'impatt fuq l-istokks tas-self | | | 3.1B | | |
| 3.1C | Flussi netti tas-self li huwa titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor mingħajr impatt fuq l-istokks tas-self | | | 3.1C | | |
| 3.2 | Aġġustamenti oħrajn | 0 | 0 | 3.2 | 3.2 = 3.2A + 3.2B + 3.2C | |
| 3.2A | Rivalutazzjonijiet dovuti għal bidliet fir-rati tal-kambju | | | 3.2A | | |
| 3.2B | Tħassir/tnaqqis tal-valur | | | 3.2B | | |
| 3.2C | Klassifikazzjonijiet mill-ġdid | | | 3.2C | | |
| | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar** | | | | | |
| 4.1 | Ammonti pendenti fuq il-karta tal-bilanċ | | | 4.1 | | |
| 4.2 | L-ammonti pendenti ta' self li huwa titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor iżda mhux dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ | | | 4.2 | | |
| 4.3 | Provvedimenti pendenti kontra self rapportat fil-partita 4.1 eskluż 4.2 * | | | 4.3 | | |

* Applikabbli biss f'dawk il-każijiet fejn is-self huwa rrapportat nett mill-provvedimenti; ara l-istruzzjonijiet tar-rappurtar għal iktar dettall."

**RETTIFIKA**

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/171 tas-6 ta' Frar 2020 li jemenda l-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 35 tas-7 ta' Frar 2020)*

Fil-paġna 4, it-tabella fl-Anness għandha tinqara kif ġej:

| | | | Arranġamenti tranżizzjonali | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru tal-Entrata | Proprjeta(jiet) | Intrinsiċi tas-Sustanza msemmija fl-Artikolu 57 | L-aħħar data tal-applikazzjoni (1) | Data tat-terminazzjoni (2) | (Kategoriji ta') użi eżentati | Perjodi ta' reviżjoni |
| 44. | Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, ester tad-dieżil, ramifikat u lineari<br>Nru tal-KE: 271-093-5<br>Nru tal-CAS: 68515-50-4 | Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) | is-27 ta' Awwissu 2021 (*) | is-27 ta' Frar 2023 (**) | - | - |
| 45. | Ftalat tad-dieżil<br>Nru tal-KE: 201-559-5<br>Nru tal-CAS: 84-75-3 | Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) | is-27 ta' Awwissu 2021 (*) | is-27 ta' Frar 2023 (**) | - | - |
| 46. | Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, esteri alkiliċi di-C6-10; aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, diesteri tad-deċil u tal-eżil u tal-ottil imħalltin flimkien ma' ≥ 0,3 % tal-ftalat tad-dieżil (Nru tal-KE 201-559-5)<br>Nru tal-KE: 271-094-0; 272-013-1<br>Nru tal-CAS: 68515-51-5; 68648-93-1 | Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) | is-27 ta' Awwissu 2021 (*) | is-27 ta' Frar 2023 (**) | - | - |
| 47. | Fosfat tat-triksilil<br>Nru tal-KE: 246-677-8<br>Nru tal-CAS: 25155-23-1 | Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) | fis-27 ta' Novembru2021. | fis-27 ta' Mejju2023. | - | - |
| 48. | Perborat tas-sodju; aċidu perboriku, melħ tas-sodju<br>Nru tal-KE: 239-172-9; 234-390-0<br>Nru tal-CAS: - | Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) | fis-27 ta' Novembru2021. | fis-27 ta' Mejju2023. | - | - |
| 49. | Perossometaborat tas-sodju<br>Nru tal-KE: 231-556-4<br>Nru tal-CAS: 7632-04-4 | Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) | fis-27 ta' Novembru2021. | fis-27 ta' Mejju2023. | - | - |
| 50. | 5-sec-butil-2-(2,4-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [1], 5-sec-butil-2-(4,6-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [2] [li jkopri kull stereoisomeru individwali ta' [1] u [2] jew kwalunkwe taħlita tagħhom]<br>Nru tal-KE: -<br>Nru tal-CAS: - | vPvB | is-27 ta' Frar 2022 | fis-27 ta' Awwissu2023. | - | - |

| | | | Arranġamenti tranżizzjonali | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru tal-Entrata | Proprjeta(jiet) | Intrinsiċi tas-Sustanza msemmija fl-Artikolu 57 | L-aħħar data tal-applikazzjoni (1) | Data tat-terminazzjoni (2) | (Kategoriji ta') użi eżentati | Perjodi ta' reviżjoni |
| 51. | 2-(2H-benżotriażol-2-il)-4,6-ditertpentilfenol (UV-328)<br>Nru tal-KE: 247-384-8<br>Nru tal-CAS: 25973-55-1 | PBT, vPvB | fis-27 ta' Mejju2022. | fis-27 ta' Novem bru2023. | - | - |
| 52. | 2,4-di-tert-butil-6-(5-klorobenżotriażol-2-il)fenol (UV-327)<br>Nru tal-KE: 223-383-8<br>Nru tal-CAS: 3864-99-1 | vPvB | fis-27 ta' Mejju2022. | fis-27 ta' Novem bru2023. | - | - |
| 53. | 2-(2H-benżotriażol-2-il)-4-(tert-butil)-6-(sec-butil) fenol (UV-350)<br>Nru tal-KE: 253-037-1<br>Nru tal-CAS: 36437-37-3 | vPvB | fis-27 ta' Mejju2022. | fis-27 ta' Novem bru2023. | - | - |
| 54. | 2-benżotriażol-2-il-4,6-di-tert-butilfenol (UV-320)<br>Nru tal-KE: 223-346-6<br>Nru tal-CAS: 3846-71-7 | PBT, vPvB | fis-27 ta' Mejju2022. | fis-27 ta' Novem bru2023. | - | - |

(1) Id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(ii).
(2) Id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(i).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT